



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14085/23

LIMITE

ENER 542
ENV 1113
CLIMA 468
COMPET 984
CONSOM 361
FISC 226
CODEC 1840

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0077(COD)**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7440/23 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jitlejja id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness is-seba' reviżjoni tal-proposta msemmija hawn fuq, kif tħejjiet mill-Presidenza (REV7).

It-test il-ġdid huwa **sottolinjat b'tipa grassa**, u t-tħassir huwa mmarkat b'[...], it-tnejn mingħajr sfond griż.

It-tħassir li deher fid-dokument 8106/23 ("REV 1"), fid-dokument 8918/23 ("REV 2"), fid-dokument 9021/23 ("REV 3"), fid-dokument 10009/23 ("REV 4"), fid-dokument 10606/23 ("REV 5") u fid-dokument 13771/23 ("REV 6") huwa mmarkat b'[/.../]

It-test il-ġdid li deher fid-dokument 8106/23 ("REV 1"), fid-dokument 8918/23 ("REV 2"), fid-dokument 9021/23 ("REV 3"), fid-dokument 10009/23 ("REV 4"), fid-dokument 10606/23 ("REV 5") u fid-dokument 13771/23 ("REV 6") huwa mmarkat **b'tipa grassa.**

2023/0077 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jitlejja id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi¹:

¹ Il-premessi għadhom ma humiex adattati għall-fatt li l-Artikoli 2 u 3 ser jitneħħew minn dan ir-Regolament emendatorju u ser isiru Direttiva awtonoma li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944.

- (1) Minn Settembru 2021 ġew osservati prezzijiet u volatilità għoljin ħafna fis-swieq tal-elettriku. Kif stipulat mill-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("ACER") fil-valutazzjoni tagħha ta' April 2022 tad-disinn tas-suq tal-elettriku bl-ingrossa tal-UE², din hija prinċipalment konsegwenza tal-prezz għoli tal-gass, li jintuża bħala input biex jiġi ġġenerat l-elettriku.
- (2) L-eskalazzjoni tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, Parti Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, u sanzjonijiet internazzjonali relatati minn Frar 2022 xekklu s-swieq globali tal-enerġija, aggravaw il-problema tal-prezzijiet għoljin tal-gass, u kellhom impatti sekondarji sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-elettriku. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna kkawżat ukoll inċertezza dwar il-provvista ta' komoditajiet oħrajn, bħall-antraċit u ż-żejt mhux maħdum, użati minn installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Din irriżultat f'żidiet addizzjonali sostanzjali fil-volatilità tal-livelli tal-prezzijiet tal-elettriku.

² L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, il-Valutazzjoni Finali tal-ACER tad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku bl-Ingrossa tal-UE, April 2022.

- (3) Bi tweġiba għal din is-sitwazzjoni, **f'Ottubru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-Komunikazzjoni intitolata "l-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ" li [...]**kien fiha sett ta' għodod ta' miżuri li [...]/l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jistgħu jużaw biex jindirizzaw l-impatt immedjat tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji, [...]inkluż appoġġ għall-introjt, ħelsien mit-taxxa, miżuri ta' ffrankar u ħżin tal-gass[...] u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kontra xokkijiet futuri fil-prezzijiet. Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-8 ta' Marzu 2022 intitolata "REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli"³, il-Kummissjoni spjegat sensiela ta' miżuri addizzjonali biex issaħħaħ is-sett ta' għodod u biex tirrispondi għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll reġim temporanju ta' Għajnuna mill-Istat biex tippermetti ċerti sussidji jnaqqsu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija.⁴

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli, COM/2022/108 final

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Qafas Temporanju ta' Kriżi għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja C 131 I/01, C/2022/1890.

- (4) Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-pjan REPowerEU⁵ li introduċa miżuri addizzjonali li jiffokaw fuq l-iffrankar tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija u t-tnedija aċċellerata tal-enerġija rinnovabbli bil-għan li tintemm id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili Russi, inkluż proposta biex il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli tiżdied għal 45 %. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni dwar l-Interventi fis-Suq tal-Enerġija fi Żmien Qasir u Titjib fuq Medda Itwal ta' Żmien fid-Disinn tas-Suq tal-Elettriku⁶, minbarra l-istabbiliment ta' miżuri addizzjonali fuq terminu qasir biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, identifikat oqsma potenzjali għat-titjib tad-disinn tas-suq tal-elettriku u ħabbret l-intenzjoni li tivvaluta dawn l-oqsma bil-għan li jinbidel[...] il-qafas leġiżlattiv.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Pjan REPowerEU, COM(2022)230.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Interventi fis-Suq tal-Enerġija fi żmien qasir u Titjib fuq medda itwal ta' żmien fid-Disinn tas-Suq tal-Elettriku – pjan ta' azzjoni, COM(2022) 236 final.

- (5) **Sabiex** [...]jġu indirizzati b'mod urġenti l-kriżi tal-prezzijiet u t-tħassib dwar is-sigurtà u biex jġu indirizzati ż-żidiet fil-prezzijiet għaċ-ċittadini, [...], l-Unjoni adottat **diversi atti legali, bħar-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ li jistabbilixxi** reġim sod għall-ħżin tal-gass⁸, ir-**Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369⁹ li jipprovdi** miżuri effettivi għat-tnaqqis fid-domanda għall-gass u l-elettriku¹⁰, ir-**Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854¹¹ li jistabbilixxi** reġimi li jillimitaw il-prezzijiet biex jġu evitati profitti mhux previsti fis-swieq tal-gass u fis-swieq tal-elettriku¹² u r-**Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577¹³ li jistabbilixxi** miżuri li jaċċelleraw il-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli¹⁴.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17)

⁸ [...]

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għat-tnaqqis fid-domanda għall-gass, ĠU L 206 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1)

¹⁰ [...]

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija (ĠU L 261I, 7.10.2022, p. 1)

¹² [...]

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi qafas biex jiġi taffeww il-varar tal-enerġija rinnovabbli (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 36).

¹⁴ [...]

- (6) Jenħtieġ li suq tal-**enerġija** integrat sew li jibni fuq il-Pakkett [...]dwar l-enerġija nadifa għall-Ewropej kollha¹⁵ [...]adottat fl-2018 u fl-2019¹⁶ ("**Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa**") jippermetti lill-Unjoni tisfrutta l-benefiċċji ekonomiċi ta' suq tal-enerġija uniku f'ċirkostanzi normali tas-suq, filwaqt li jiżgura s-sigurtà tal-provvista u jsostni l-proċess ta' dekarbonizzazzjoni. L-interkonnnettività transfruntiera tiżgura wkoll tħaddim aktar sikur, aktar affidabbli u effiċjenti tas-sistema tal-enerġija.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1); Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82); Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210); Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22); Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54); Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

¹⁶ [...]

- (7) Id-disinn attwali tas-suq tal-elettriku għen ukoll il-ħolqien ta' prodotti, servizzi u miżuri ġodda u innovattivi fis-swieq tal-elettriku bl-imnut, l-appoġġ għall-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġija rinnovabbli u t-tisħiħ tal-ġażla sabiex il-konsumaturi jiġu meġġuna jnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom anke permezz ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni fuq skala żgħira u servizzi emerġenti għall-provvista ta' rispons tad-domanda. Il-bini fuq il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-isfruttar tiegħu, bħall-parteċipazzjoni attiva mill-konsumaturi, jenħtieġ li jkunu element ewlieni tas-swieq u s-sistemi futuri tal-elettriku tagħna. Fl-istess ħin, hemm bżonn li jiġu rrispettati l-ġażliet tal-konsumatur u li l-konsumaturi jitħallew jibbenefikaw minn varjetà ta' offerti ta' kuntratt.
- (8) **Madankollu**, [../] fil-kuntest tal-kriżi tal-enerġija, id-disinn attwali tas-suq tal-elettriku żvela [../] wkoll għadd ta' nuqqasijiet importanti marbuta mal-impatt tal-prezzijiet għoljin u volatili tal-fjuwils fossili fuq is-swieq tal-elettriku fuq terminu qasir, li jesponu lill-unitajiet domestiċi u lill-kumpaniji għal żidiet sinifikanti fil-prezzijiet b'effetti fuq il-kontijiet tal-elettriku tagħhom.
- (9) L-użu aktar mgħaġġel tal-enerġija rinnovabbli u tat-teknoloġiji flessibbli nodfa jikkostitwixxi l-aktar mod sostenibbli u kosteffettiv biex titnaqqas strutturalment id-domanda għall-fjuwils fossili għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u għall-konsum dirett permezz tal-elettrifikazzjoni u l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Bis-saħħa tal-kostijiet operazzjonali baxxi tagħhom, is-sorsi rinnovabbli jistgħu jħallu impatt pożittiv fuq il-prezzijiet tal-elettriku madwar l-Unjoni u jnaqqsu l-konsum dirett tal-fjuwils fossili.

- (10) Il-bidliet fid-disinn tas-suq tal-elettriku jenħtieġ li jiżguraw li l-benefiċċji mill-użu dejjem akbar tal-enerġija rinnovabbli, u t-tranżizzjoni enerġetika kollha kemm hi, jinġiebu lill-konsumaturi, inkluż dawk l-aktar vulnerabbli, u fl-aħħar mill-aħħar, jipproteġuhom minn kriżijiet tal-enerġija u jevitaw li aktar unitajiet domestiċi jaqgħu f'nassa tal-faqar enerġetiku. Jenħtieġ li **dawk il-bidliet**[...] itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-fjuwils fossili, partikolarment dawk tal-gass, fuq il-prezzijiet tal-elettriku, bl-għan li jippermettu lill-unitajiet domestiċi u lill-kumpaniji jgawdu l-benefiċċji ta' enerġija affordabbli u sigura minn sorsi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fuq terminu itwal.
- (11) Ir-riforma tad-disinn tas-suq tal-elettriku jenħtieġ li tkun ta' benefiċċju mhux biss għall-konsumaturi tal-unitajiet domestiċi iżda anke għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni billi tiffaċilita l-possibbiltajiet tagħhom li jagħmlu l-investimenti fit-teknoloġija nadifa li jirrikjedu biex jissodisfaw il-perkorsi ta' tranżizzjoni għal emissjonijiet zero netti tagħhom. It-tranżizzjoni enerġetika fl-Unjoni trid tiġi appoġġata minn bażi ta' manifattura b'saħħitha ta' teknoloġija nadifa. Dawn ir-riformi ser jappoġġaw l-elettrifikazzjoni affordabbli tal-industrija u l-pożizzjoni tal-Unjoni bħala mexxejja globali f'termini ta' riċerka u innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa.
- (12) Swieq effiċjenti u li jiffunzjonaw tajjeb fuq terminu qasir huma għodda ewlenija għall-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u tal-flessibbiltà fis-suq u jiffaċilitaw l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija b'mod kosteffettiv.

- (13) Is-swieq tal-istess ġurnata huma partikolarment importanti għall-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli varjabbli fis-sistema tal-elettriku bl-anqas kost peress li jagħtu l-possibbiltà lill-parteċipanti fis-suq li jinneogzjaw in-nuqqasijiet jew is-surplus tal-elettriku eqreb lejn iż-żmien tal-konsenja. Peress li l-ġeneraturi tal-enerġija rinnovabbli varjabbli jistgħu biss jistmaw akkuratament il-produzzjoni tagħhom qrib iż-żmien tal-konsenja, huwa kruċjali għalihom li jkollhom massimu ta' opportunitajiet ta' negozjar permezz ta' aċċess għal suq likwidu kemm jista' jkun qrib iż-żmien tal-konsenja tal-elettriku. **Għaldaqstant, jenħtieġ li l-ħin tal-għeluq tan-negozju tal-kapaċità transzonal tal-istess ġurnata jiqsar u jiġi ddefinit eqreb għall-ħin reali. F'każ li din il-bidla toħloq riskji għas-sigurtà tal-provvista, jenħtieġ li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jkollhom il-possibbiltà li jitolbu deroga, ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt u soġġetta għal approvazzjoni regolatorja, sabiex jitolbu estensjoni tal-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni. Jenħtieġ li din it-talba tinkludi pjan ta' azzjoni b'passi konkreti lejn l-implimentazzjoni tal-ħin il-ġdid tal-għeluq tan-negozju tal-istess ġurnata.**

- (14) Għalhekk, huwa importanti li s-swieq tal-istess ġurnata jadattaw għall-parteċipazzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli varjabbli bħall-**enerġija** solari u eolika kif ukoll għall-parteċipazzjoni tar-rispons [...] għad-domanda u l-ħżin tal-**enerġija**. Il-likwidità tas-swieq tal-istess ġurnata jenħtieġ li tittejjeb bil-kondiviżjoni tal-kotba tal-ordnijiet bejn l-operaturi tas-suq f'żona tal-offerti, anke meta l-kapaċitajiet transżonali jiġu stabbiliti għal żero jew wara l-ħin tal-għeluq tan-negozju tas-suq tal-istess ġurnata. **Sabiex jiġi żgurat li l-kotba tal-ordnijiet jiġu kondiviżi bejn l-operaturi nominati tas-suq tal-elettriku (NEMOs) fil-perjodi ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata, jenħtieġ li n-NEMOs jissottomettu l-ordnijiet kollha lill-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata u jenħtieġ li ma jorganizzawx in-negozjar ta' prodotti ta' ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata, jew prodotti b'karatteristiċi simili, barra mill-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata. Sabiex jiġi indirizzat ir-riskju inerenti ta' diskriminazzjoni fin-negozjar ta' prodotti ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata ġewwa u barra l-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata, u t-tbattil konsegwenti tal-likwidità fis-swieq tal-elettriku akkoppjati tal-Unjoni, jenħtieġ li dan l-obbligu japplika għan-NEMOs, għal impriżi li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll jew kwalunkwe dritt fuq NEMO u għal impriżi li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn NEMO.** Barra minn hekk, il-ħin tal-għeluq tan-negozju tas-suq tal-istess ġurnata jenħtieġ li jiġi stabbilit eqreb lejn iż-żmien tal-konsenja sabiex jiġu massimizzati l-opportunitajiet għall-parteċipanti fis-suq għan-nuqqas ta' kummerċ u għas-surplus tal-elettriku u sabiex jikkontribwixxu għal integrazzjoni aħjar tal-enerġija rinnovabbli varjabbli fis-sistema tal-elettriku.
- (15) Barra minn hekk, is-swieq tal-elettriku fuq terminu qasir jenħtieġ li jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi ta' flessibilità fuq skala żgħira jkunu jistgħu jipparteċipaw billi jnaqqsu d-daqs minimu tal-offerta.

- (16) Sabiex tiġi żgurata l-integrazzjoni effiċjenti tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli varjabbli u sabiex titnaqqas il-ħtieġa għall-ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq il-fjuwils fossili **f'sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku** [...], jenħtieġ li jkun possibbli għall-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni li jiddisinjaw prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda li jippermetti rispons tad-domanda **addizzjonali** [...] **sabiex jikkontribwixxi għat-tnaqqis** [...] tal-konsum fis-sistema tal-elettriku [...]. **/.../Bħala tali, jenħtieġ li l-prodott ta' trażżin tal-quċċata tad-domanda, minbarra li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa, jikkontribwixxi [...] għas-sigurtà tal-provvista matul kriżi tal-prezzijiet tal-elettriku.** [...] Peress li l-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda għandu l-għan li jnaqqas u jbiddel il-konsum tal-elettriku, l-ambitu ta' dan il-prodott jenħtieġ li jkun limitat għar-rispons [...] tad-domanda. **Peress li l-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda huwa maħsub li /.../ jiġi applikat biss f'sitwazzjonijiet limitati ta' kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku, [...] l-akkwist pubbliku [...] jista' jseħħ sa ġimgħa qabel /.../ jingħataw kapaċitajiet addizzjonali tar-rispons tad-domanda. /.../ Jenħtieġ li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jkunu jistgħu jattivaw il-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda abbażi tat-tbassir tad-domanda. B'mod alternattiv, jenħtieġ li jkun possibbli li l-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda /.../ jiġi attivaw awtomatikament fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem, abbażi tal-prezz tal-enerġija impenjat matul l-akkwist tal-kapaċità għat-tnaqqis tad-domanda.** Sabiex jiġu vverifikati l-volumi tat-tnaqqis tad-domanda attivata, l-operatur ta' sistema ta' trażmissjoni jenħtieġ li juża linja bażi li tirrifletti l-konsum mistenni tal-elettriku mingħajr l-attivazzjoni tal-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda.

- (17) Sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw attivament fis-swieq tal-elettriku u jipprovdu l-flessibbiltà tagħhom, il-konsumaturi huma mgħammra progressivament b'sistemi ta' kejl intelliġenti. Madankollu, f'għadd ta' Stati Membri l-introduzzjoni ta' sistemi ta' kejl intelliġenti għadha bil-mod. F'dawk il-każijiet fejn is-sistemi ta' metraġġ intelliġenti jkunu għadhom ma humiex installati u f'każijiet fejn is-sistemi ta' kejl intelliġenti ma jipprevedux livell suffiċjenti ta' granularità tad-data, jenħtieġ li l-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni jkunu jistgħu jużaw id-data minn strumenti tal-**kejl** [...] dedikati għall-osservabbiltà u għall-istabbiliment ta' servizzi ta' flessibbiltà bħar-rispons tad-domanda u l-ħżin tal-enerġija. L-iffaċilitar tal-użu ta' data minn strumenti tal-**kejl** dedikati [...] għall-osservabbiltà u l-istabbiliment jenħtieġ li jiffaċilita l-parteċipazzjoni attiva tal-konsumaturi fis-suq u l-iżvilupp tar-rispons tad-domanda tagħhom. L-użu ta' data minn dawn l-istrumenti tal-**kejl** dedikati [...] jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn rekwiżiti ta' kwalità relatati mad-data.
- (18) Dan ir-Regolament jistabbilixxi bażi legali **għall-ipproċessar ta' data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**¹⁷[...]. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-prinċipji u l-obbligi kollha dwar il-protezzjoni tad-data personali stabbiliti fir-**Regolament (UE) 2016/679** [...] jiġu ssodisfati, inkluż dwar il-minimizzazzjoni tad-data. Fejn l-oġettiv ta' din id-Direttiva jista' jintlaħaq mingħajr l-ipproċessar ta' data personali, [...]jenħtieġ li l-**kontrolluri tad-data** jibbażaw fuq data anonimizzata u aggregata.

¹⁷ **Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).**

- (19) Il-konsumaturi u l-fornituri għandhom bżonn ta' swieq forward effettivi u effiċjenti biex ikopru l-iskopertura tal-prezzijiet fuq terminu twil tagħhom u jnaqqsu d-dipendenza fuq prezzijiet fuq terminu qasir. Biex jiġi żgurat li l-klijenti tal-enerġija madwar [...]l-Unjoni kollha **jkunu jistgħu** [...]jibbenefikaw bis-sħiħ mill-vantaġġi tas-swieq integrati tal-elettriku u mill-kompetizzjoni madwar l-Unjoni, il-funzjonament tas-suq forward tal-elettriku tal-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb permezz tal-istabbiliment ta' ċentri virtwali reġjonali bil-għan li tingħeleb il-frammentazzjoni eżistenti tas-suq u l-likwidità baxxa esperjenzata f'ħafna żoni tal-offerti. Iċ-ċentri virtwali reġjonali jenħtieġ li jkopru diversi żoni tal-offerti filwaqt li jiżguraw korrelazzjoni adegwata tal-prezzijiet. Xi żoni tal-offerti jistgħu ma jkunux koperti minn ċentru virtwali **reġjonali** f'termini ta' kontribut għall-prezz ta' referenza taċ-ċentru. Madankollu, il-parteċipanti fis-suq minn dawn iż-żoni tal-offerti xorta jenħtieġ li jkunu jistgħu jiħħeġġjaw permezz ta' ċentru.

(19b) [...] Sabiex [...]/ jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni/.../.../ biex tistipula regoli dettaljati dwar id-disinn tas-suq forward tal-elettriku tal-Unjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' ċentri virtwali reġjonali. Biex jiġu żgurati sinerġiji mal-qafas regolatorju eżistenti, jenħtieġ li l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni fl-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ jiġi estiż biex ikopri wkoll l-aspetti meħtieġa għall-istabbiliment ta' ċentri virtwali. Qabel ma teżerċita dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni/.../, jenħtieġ li l-Kummissjoni [...] twettaq valutazzjoni tal-impatt. Fejn rilevanti, jenħtieġ li il-valutazzjoni tal-impatt tieħu inkunsiderazzjoni l-implikazzjonijiet tal-istabbiliment ta' ċentri virtwali reġjonali fir-rigward ta' ftehimiet intergovernattivi preeżistenti relatati mas-sjeda konġunta transfruntiera tal-impjanti tal-enerġija. Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (*ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54*).

- (20) Iċ-ċentri virtwali jenħtieġ li jirriflettu l-prezz aggregat ta' diversi żoni tal-offerti u jipprovdu prezz ta' referenza, li jenħtieġ li jintuża mill-operaturi tas-suq biex joffru prodotti ta' ħħeġġjar forward. Għal dak il-għan, iċ-ċentri virtwali jenħtieġ li ma jitqisux bħala entitajiet li jorganizzaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet. Iċ-ċentri virtwali reġjonali, billi jipprovdu indiċi tal-prezz ta' referenza, jenħtieġ li jippermettu l-għbir flimkien tal-likwidità u jipprovdu opportunitajiet aħjar ta' ħħeġġjar lill-parteciċipanti fis-suq.
- (21) Sabiex jissaħħu l-possibbiltajiet tal-parteciċipanti fis-suq għall-iħħeġġjar, jenħtieġ li jiġi estiż ir-rwol tal-pjattaforma unika ta' allokazżjoni stabbilita f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719¹⁹. Il-pjattaforma unika ta' allokazżjoni jenħtieġ li toffri negozjar ta' drittijiet ta' trażmissjoni fuq terminu twil finanzjarji bejn iż-żoni tal-offerti differenti u ċ-ċentri virtwali reġjonali. L-ordnijiet sottomessi mill-parteciċipanti fis-suq għad-drittijiet ta' trażmissjoni finanzjarja **jenħtieġ li** [...] jitqabblu ma' allokazżjoni simultanja ta' kapacià transżonali fuq terminu twil. Dan it-tqabbil u allokazżjoni jenħtieġ li jitwettqu fuq bażi regolari, biex tiġi żgurata biżżejjed likwidità u, għalhekk, possibbiltajiet ta' ħħeġġjar effiċjenti għall-parteciċipanti fis-suq. Id-drittijiet tat-trażmissjoni fuq terminu twil jenħtieġ li jinħarġu b'maturitajiet frekwenti, [...] li jvarjaw minn xahar qabel għal mill-anqas tliet snin qabel [...], sabiex jiġu allinjati mal-perjodu ta' żmien tipiku tal-iħħeġġjar tal-parteciċipanti fis-suq. Jenħtieġ li l-pjattaforma unika ta' allokazżjoni tkun soġġetta għal monitoraġġ u infurzar biex jiġi żgurat li twettaq il-kompiti tagħha kif suppost.

¹⁹ **Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719 tas-26 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi gwida dwar l-allokazżjoni bil-quddiem tal-kapacià (ĠU L 259, 27.9.2016, p. 42).**

- (22) It-tariffi tan-network jenħtieġ li jinċentivaw lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni biex jużaw servizzi ta' flessibbiltà permezz tal-iżvilupp ulterjuri ta' soluzzjonijiet innovattivi biex jottimizzaw il-grilja eżistenti u biex jiksbu servizzi ta' flessibbiltà, partikolarment ir-rispons tad-domanda jew il-ħżin. Għal dan il-għan, it-tariffi tan-network jenħtieġ li jitfasslu b'tali mod li jqisu l-infiq operazzjonali u kapitali tal-operaturi tas-sistema jew taħlita effiċjenti tat-tnejn sabiex ikunu jistgħu joperaw is-sistema tal-elettriku b'mod kosteffiċjenti. **Jenħtieġ li r-rekwiżit għar-riflettività tal-kostijiet ma jirrestrinġix l-opportunità li l-kostijiet jiġu ridistribwiti b'mod effiċjenti f'każijiet fejn jiġu applikati tariffi tan-network li jvarjaw skont il-post jew il-ħin.** Dan ikompli jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli bl-anqas kost għas-sistema tal-elettriku u jippermetti lill-klijenti finali jivvalutaw is-soluzzjonijiet ta' flessibbiltà tagħhom.

- (23) Is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, bħall-enerġija eolika lil hinn mill-kosta, l-enerġija mill-oċeani u l-fotovoltajka varjabbli, ser ikollhom rwol strumentali fil-bini ta' sistema tal-enerġija bbażata l-aktar fuq l-enerġija rinnovabbli u fl-iżgurar tan-newtralità klimatika sal-2050. Madankollu, hemm ostakli sostanzjali għall-użu usa' u effiċjenti tagħhom li jipprevjenu ż-żieda enormi meħtieġa biex jintlaḥqu dawk l-oġettivi. Jistgħu jinħolqu ostakli simili għal teknoloġiji lil hinn mill-kosta oħrajn fil-futur. Dawn l-ostakli jinkludu riskji ta' investment assoċjati mas-sitwazzjoni topografika unika ta' proġetti ibridi lil hinn mill-kosta konnessi ma' aktar minn suq wieħed **f'żona tal-offerti lil hinn mill-kosta. Huwa importanti li dawn l-ostakli jiġu indirizzati fil-ħin opportun u b'mod effiċjenti.** Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' investment għal dawn l-iżviluppaturi ta' proġetti lil hinn mill-kosta u sabiex jiġi żgurat li l-proġetti f'żona tal-offerti lil hinn mill-kosta jkollhom aċċess sħiħ għas-suq għas-swieq tal-madwar, jenħtieġ li l-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni jiggarantixxu l-aċċess tal-proġetti lil hinn mill-kosta **f'żona tal-offerti lil hinn mill-kosta** għall-kapaċità tal-interkonnettur ibridu rispettiv għall-unitajiet ta' ħin tas-suq kollha, **sal-kapaċità maqbula fil-ftehim ta' konnessjoni u b'hekk bl-esklużjoni ta' kapaċità potenzjalment "overplanted".** Jekk il-kapaċitajiet ta' trażmissjoni disponibbli jitnaqqsu sal-punt li l-ammont sħiħ tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li l-proġett lil hinn mill-kosta kieku kien ikun jista' jesporta ma jkunx jista' jiġi konsenjat lis-suq, l-operatur ta' sistema ta' trażmissjoni jew l-operaturi responsabbli għall-ħtieġa li tiġi limitata l-kapaċità jenħtieġ li, fil-futur, ikunu jistgħu jikkumpensaw lill-operatur tal-proġett lil hinn mill-kosta kommensuratament bl-użu tal-introjt mill-konġestjoni. **Jenħtieġ li dan il-kumpens jibbilanċja d-dħul imnaqqas tal-operaturi ta' impjanti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli lil hinn mill-kosta minħabba dan it-tnaqqis fl-aċċess għas-swieq interkonnessi u** jenħtieġ li jkun relatat biss mal-kapaċità ta' produzzjoni disponibbli għas-suq, li tista' tkun dipendenti mit-temp u jeskludi l-operazzjonijiet ta' qtugħ u ta' manutenzjoni tal-proġett lil hinn mill-kosta. **Jenħtieġ li l-kumpens f'każ ta' nuqqas ta' aċċess għan-network ta' trażmissjoni ma jiġix interpretat bħala li jikkostitwixxi dispaċċ prijoritarju. Barra minn hekk, qatt ma għandu jkun hemm kumpens doppju għall-istess riskju kopert minn din id-dispożizzjoni, pereżempju jekk ir-riskju jkun diġà kopert taħt kuntratt għad-differenza, jew taħt skema ta' appoġġ rilevanti oħra.** Id-dettalji, inkluż il-kundizzjonijiet li skonthom tista' tiskadi l-miżura, **bħall-eżistenza ta' biżżejjed domanda fiż-żona tal-offerti lil hinn mill-kosta jew aċċess dirett għal għadd suffiċjenti ta' swieq biex jisparixxi r-riskju, kif ukoll l-indirizzar tal-ostakli,** huma maħsuba li jiġu ddefiniti f'att[...] ta' implimentazzjoni inkluż, fejn rilevanti, permezz ta' emendi għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222[...]

- (24) Fis-suq bl-ingrossa ta' ġurnata bil-quddiem, l-impjanti tal-enerġija b'kostijiet marġinali aktar baxxi jintbagħtu l-ewwel, iżda l-prezz riċevut mill-parteciċipanti kollha fis-suq huwa stabbilit mill-aħħar impjant meħtieġ biex ikopri d-domanda, li huwa l-impjant bl-ogħla kostijiet marġinali, meta s-swieq jiġu kklerjati. F'dan il-kuntest, il-kriżi tal-enerġija wriet li żieda fil-prezz tal-gass u tal-faħam iebes tista' tirriżulta f'żidiet eċċezzjonali u dejjiema tal-prezzijiet li bihom il-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni mħaddma bil-gass u bil-faħam joffru fis-suq bl-ingrossa ta' ġurnata bil-quddiem. Dan min-naħa tiegħu wassal għal prezzijiet eċċezzjonalment għoljin fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem madwar l-Unjoni, peress li l-faċilitajiet ta' ġenerazzjoni mħaddma bil-gass u bil-faħam spiss ikunu l-impjanti bl-ogħla kostijiet marġinali meħtieġa biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-elettriku.
- (25) Minħabba r-rwol tal-prezz fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem bħala referenza għall-prezz fi swieq oħrajn tal-elettriku bl-ingrossa, u l-fatt li l-parteciċipanti kollha fis-suq jirċievu l-prezz tal-ikklerjar, it-teknoloġiji b'kostijiet marġinali ferm aktar baxxi rreġistraw konsistentement dħul għoli.
- (26) Sabiex jintlaħqu l-miri ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni u l-oġettivi stipulati fir-REPowerEU biex issir aktar indipendenti mill-enerġija, l-Unjoni jeħtieġ li taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli b'pass ħafna aktar mgħaġġel. Fid-dawl tal-ħtiġijiet ta' investiment meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, is-suq jenħtieġ li jiżgura li jiġi stabbilit sinjal tal-prezz fuq terminu twil.

(27) F'dan il-qafas, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex joħolqu l-kundizzjonijiet tas-suq it-tajba għal strumenti bbażati fuq is-suq fuq terminu twil, bħall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija ("PPAs"). Il-PPAs huma ftehimiet bilaterali ta' xiri bejn il-produtturi u x-xerrejja tal-elettriku. Dawn jipprovdu stabbiltà tal-prezzijiet fuq terminu twil għall-klijent u ċ-ċertezza meħtieġa sabiex il-produttur jieħu d-deċiżjoni ta' investiment. Madankollu, f'it Stati Membri biss għandhom swieq attivi tal-PPAs u x-xerrejja huma tipikament limitati għal kumpaniji kbar, mhux l-anqas minħabba li l-PPAs jiffaċċjaw sett ta' ostakli, partikolarment d-diffikultà li jiġi kopert ir-riskju ta' inadempjenza tal-pagament mix-xerrej f'dawn il-ftehimiet fuq terminu twil. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-ħtieġa li jinħoloq suq dinamiku tal-PPA meta jistabbilixxu l-politiki biex jintlaħqu l-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-enerġija stipulati fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima.

(28) F'[.../konformità/...] **mad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰**, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-ostakli regolatorji u amministrattivi għall-PPAs tal-enerġija rinnovabbli fuq terminu twil, u **għandhom [...]** ineħħu ostakli mhux ġustifikati għal ftehimiet bħal dawn u jippromwovu l-adozzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jiddeskrivu politiki u miżuri li jiffaċilitaw l-użu tal-PPAs tal-enerġija rinnovabbli fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima. Mingħajr preġudizzju għal dak l-obbligu li jsir rapport dwar il-kuntest regolatorju li jaffettwa s-suq tal-PPAs, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-istrumenti biex jitnaqqsu r-riskji finanzjarji assoċjati max-xerrej inadempjenti fuq l-obbligi ta' pagament fuq terminu twil tiegħu fil-qafas tal-PPAs ikunu aċċessibbli għall-kumpaniji li jiffaċċjaw ostakli għad-dħul fis-suq tal-PPAs u ma jkunux f'diffikultà finanzjarja[...]. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu skema ta' garanzija bil-prezzijiet tas-suq **jekk il-garanziji privati ma jkunux aċċessibbli jew ma jkunux aċċessibbli biżżejjed. F'dak il-każ**, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet biex jevitaw it-tnaqqis tal-likwidità fis-swieq tal-elettriku, bħal bl-użu ta' PPAs finanzjarji. **L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiffaċilitaw l-aggregazzjoni tad-domanda għall-PPAs minn klijenti li individwalment jiffaċċjaw ostakli għad-dħul fis-suq tal-PPAs, iżda li kollettivament jistgħu jipprovdu offerta attraenti għall-PPAs lill-produtturi.** L-Istati Membri jenħtieġ li ma jipprovdux appoġġ lill-PPAs li jixtru l-ġenerazzjoni mill-fjuwils fossili. Filwaqt li l-approċċ prestabbilit jenħtieġ li jkun in-nondiskriminazzjoni bejn il-konsumaturi, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimmiraw dawn l-istrumenti għal kategoriji speċifiċi ta' konsumaturi, bl-applikazzjoni ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji. F'dan il-qafas, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu r-rwol potenzjali [...] tal-**faċilitajiet** ipprovduti fil-livell tal-Unjoni, pereżempju mill-Bank Ewropew tal-Investment ("BEI").

²⁰ **Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).**

- (29) L-Istati Membri għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom diversi strumenti biex jappoġġaw l-iżvilupp tas-swieq tal-PPAs meta jfasslu u jallokaw l-appoġġ pubbliku. Il-permess lill-iżviluppaturi ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli sabiex jipparteċipaw f'sejħa għall-offerti ta' appoġġ pubbliku biex iżommu sehem mill-ġenerazzjoni għall-bejgħ permezz ta' PPA jikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-tkabbir tas-swieq tal-PPAs. Barra minn hekk, bħala parti minn din l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex japplikaw kriterji biex jinċentivaw l-aċċess għas-suq tal-PPAs għal atturi li jiffaċċjaw ostakli għad-dħul, bħal intrapriżi żgħir u ta' daqs medju ("SMEs"), filwaqt li jagħtu preferenza lill-offerenti li jippreżentaw impenn li jiffirmaw PPA għal parti mill-ġenerazzjoni tal-proġett minn xerrej potenzjali wieħed jew aktar li jiffaċċjaw diffikultajiet biex jaċċessaw is-suq tal-PPAs.
- (29a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-PPAs transfruntiera u jneħħu l-ostakli mhux ġustifikati li huma speċifikament relatati magħhom, li jippermetti lill-konsumaturi fl-Istati Membri b'kapaċità limitata jaċċessaw l-enerġija ġġenerata f'reġjuni oħra mingħajr diskriminazzjoni.**

- (30) Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jappoġġaw investimenti ffinanzjati pubblikament [...] **permezz ta'** [...] "skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet" [...] **ffaċilitajiet ġodda ta'** ġenerazzjoni tal-elettriku minn fjuwils mhux fossili b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, daww l-iskemi jenħtieġ li jkunu strutturati permezz ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza, bħal li jinkludu, minbarra garanzija tad-dħul, limitazzjoni 'l fuq tad-dħul tas-suq tal-assi ta' ġenerazzjoni kkonċernati. [...]

- (30a) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà, jenħtieġ li l-obbligu li l-iskemi diretti ta' appoġġ jiġu strutturati permezz ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza japplika biss għal kuntratti taħt skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet għal [...] investimenti fil-ġenerazzjoni l-ġdida konklużi minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dak il-perjodu tranżitorju jkun ta' ħames snin għal assi ibridi lil hinn mill-kosta konnessi ma' żewġ żoni tal-offerti jew aktar minħabba l-kumplessità ta' tali proġetti."**
- (30b) [.../L-obbligu li jintużaw kuntratti bidirezzjonali għad-differenza huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.**
- (30c) Filwaqt li dan ir-Regolament jemenda l-Artikolu 4(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2018/2001, id-dispożizzjonijiet li jifdal tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, li tistabbilixxi l-prinċipji tad-disinn għall-iskemi ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli, jibqgħu applikabbli bis-sħiħ.**

- (31) Dawn il-kuntratti bidirezzjonali għad-differenza jiżguraw li d-dħul tal-produtturi li jirriżulta minn investimenti ġodda fil-ġenerazzjoni tal-elettriku li jibbenefikaw mill-appoġġ pubbliku jsir aktar indipendenti mill-prezzijiet volatili tal-ġenerazzjoni bbażata fuq il-fjuwils fossili li tipikament tistabbilixxi l-prezz fis-suq ta' jum bil-quddiem. **Jenħtieġ li t-tfassil ta' dawn il-kuntratti bidirezzjonali għad-differenza jżommu l-inċentivi biex il-faċilità tal-ġenerazzjoni topera u tipparteċipa b'mod effiċjenti fis-swieq tal-elettriku, b'mod partikolari biex /.../ ikunu riflessi ċ-ċirkostanzi tas-suq. Il-kuntratti bidirezzjonali għad-differenza jistgħu jvarjaw fid-durata tagħhom u, fost affarijiet oħra, jistgħu jinkludu kuntratti bbażati fuq injezzjoni għad-differenza bi prezz tal-eżerċitar wieħed jew aktar, prezz minimu, jew kuntratti ta' kapaċità jew ta' kejl għad-differenzi. L-obbligu li jintużaw kuntratti bidirezzjonali għad-differenza ma japplikax għal skemi ta' appoġġ li mhumix marbuta direttament mal-ġenerazzjoni tal-elettriku, bħall-ħżin, u li ma jużawx appoġġ dirett għall-prezzijiet, bħal għajnuna għall-investiment fil-forma ta' għotjiet bil-quddiem, miżuri tat-taxxa jew ċertifikati ekoloġiċi, fost oħrajn.**

- (32) Madankollu, sal-punt li l-limitazzjoni biex jiġu stipulati skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet fil-forma ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza tnaqqas it-tipi ta' skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet li l-Istati Membri **jistgħu**[...] jadottaw fir-rigward ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, jenħtieġ li din tkun limitata għal teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u bi fjuwils mhux fossili, b'kostijiet operazzjonali baxxi u stabbli u għal teknoloġiji li tipikament ma jipprovdux flessibbiltà għas-sistema tal-elettriku, filwaqt li jiġi esklużi teknoloġiji li jinsabu fi stadji bikrija tal-użu tagħhom fis-suq. Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-vijabbiltà ekonomika tat-teknoloġiji ta' ġenerazzjoni b'kostijiet marġinali għoljin ma tiġix ipperikolata u biex jinżammu l-inċentivi tat-teknoloġiji li jistgħu joffru flessibbiltà lis-sistema tal-elettriku biex jagħmlu offerti fis-suq tal-elettriku abbażi tal-kostijiet tal-opportunità tagħhom. Barra minn hekk, il-limitazzjoni biex jiġu stipulati skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet fil-forma ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza jenħtieġ li ma tapplikax għal teknoloġiji emerġenti li għalihom tipi oħrajn ta' skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet jistgħu jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jinċentivaw l-adozzjoni tagħhom. Il-limitazzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżenzjoni possibbli għal installazzjonijiet fuq skala żgħira u għal proġetti ta' dimostrazzjoni skont **id-Direttiva**[...] (UE) 2018/2001 [...]u tqis l-ispeċifikitajiet tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli f'konformità ma' [...]dik id-Direttiva.
- (33) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi pprovduta ċertezza regolatorja **għall-produtturi**[...], l-obbligu għall-Istati Membri li japplikaw skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet għall-produzzjoni tal-elettriku fil-forma ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza jenħtieġ li japplika biss għal investimenti [...] **f'faċilitajiet ġodda ta' ġenerazzjoni tal-elettriku** [...] mis-sorsi speċifikati fil-premessa ta' hawn fuq.

- (34) Bis-saħħa tal-limitazzjoni 'l fuq tad-dħul tas-suq, l-iskemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet fil-forma ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza jenħtieġ li jipprovdu sors addizzjonali ta' dħul għall-Istati Membri f'perjodi ta' prezzijiet għoljin tal-enerġija. Sabiex jittaffa ulterjorment l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku fuq il-kontijiet tal-enerġija tal-konsumaturi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-dħul miġbur mill-produtturi soġġetti għal skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet fil-forma ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza, **jew l-ekwivalenti tal-valur finanzjarju ta' dak id-dħul**, jiġi mgħoddi [...]lill-klijenti [...]finali.[...] **Meta jgħassmu d-dħul lill-unitajiet domestiċi, jenħtieġ li b'mod partikolari l-Istati Membri jkunu jistgħu jiffavorixxu lill-klijenti vulnerabbli. Fid-dawl tal-benefiċċji usa' għall-klijenti tal-elettriku li jirriżultaw minn investimenti fl-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-Istati Membri jużaw id-dħul minn kuntratt bidirezzjonali għad-differenza, jew l-ekwivalenti tal-valur finanzjarju ta' dak id-dħul, biex jiffinanzjaw investimenti biex inaqqsu l-ispejjeż tal-elettriku għall-klijenti finali u li jużaw dak id-dħul, jew l-ekwivalenti tal-valur finanzjarju ta' dak id-dħul, biex jiffinanzjaw l-ispejjeż tal-iskemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet. [...] [...] Ir-ridistribuzzjoni tad-dħul jenħtieġ li ssir b'mod li jiżgura li l-klijenti[...] jkunu għadhom sa ċertu punt esposti għas-sinjal tal-prezz, sabiex inaqqsu l-konsum tagħhom meta l-prezzijiet ikunu għoljin, jew iċaqilquh għal perjodi ta' prezzijiet aktar baxxi (li huma tipikament perjodi b'shem ogħla tal-produzzjoni tar-RES). **B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkunsidraw il-konsum f'sigħat kwieti biex jippreservaw l-inċentivi għall-flessibbiltà.** L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-kundizzjonijiet ekwivalenti u l-kompetizzjoni bejn il-fornituri differenti ma jiġux affettwati mir-ridistribuzzjoni tad-dħul lill-konsumaturi finali tal-elettriku. **Jenħtieġ li dawn il-prinċipji ma jkunux obligatorji għad-dħul iġġenerat minn kuntratti taħt skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet konklużi qabel id-data tal-applikazzjoni tal-obbligu li jintużaw kuntratti bidirezzjonali għad-differenza.** Huwa possibbli li l-Istati Membri jiddistribwixxu d-dħul minn kuntratti bidirezzjonali għad-differenza mingħajr ma dik id-distribuzzjoni tkun tikkostitwixxi regolazzjoni tal-prezz għall-konsumatur skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/944.**

- (35) Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-iskemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet, irrispettivament mill-forma tagħhom, ma jfixklux il-funzjonament effiċjenti, kompetittiv u likwidu tas-swieq tal-elettriku, jippreservaw l-inċentivi tal-produtturi biex jirreaġixxu għas-sinjali tas-suq, inkluż li jieqfu jiġġeneraw meta l-prezzijiet tal-elettriku jkunu taħt il-kostijiet operazzjonali tagħhom, u tal-klijenti finali biex inaqqsu l-konsum meta l-prezzijiet tal-elettriku jkunu għoljin. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-iskemi ta' appoġġ ma jikkostitwux ostaklu għall-iżvilupp ta' kuntratti kummerċjali bħall-PPAs.
- (36) Għalhekk, il-kuntratti bidirezzjonali għad-differenza u l-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija għandhom rwoli komplementari fl-avvanz tat-tranżizzjoni tal-enerġija u fl-għoti tal-benefiċċji tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju lill-konsumaturi. Soġġett għar-rekwiżiti stipulati f'dan[...] [...] ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu liberi li jiddeċiedu liema strumenti jużaw biex jilħqu l-oġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom. Permezz tal-PPAs, l-investituri privati jikkontribwixxu għal użu addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju filwaqt li jżommu l-prezzijiet tal-elettriku baxxi u stabbli fuq terminu twil. Bl-istess mod, permezz ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza, l-istess oġettiv jintlaħaq mill-entitajiet pubbliċi f'isem il-konsumaturi. Iż-żewġ strumenti huma meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni permezz tal-użu tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li jiġu promossi l-benefiċċji tal-ġenerazzjoni tal-elettriku bi prezz baxx għall-konsumaturi.

- (37) L-użu aċċellerat ta' sorsi rinnovabbli jeħtieġ disponibbiltà dejjem akbar ta' soluzzjonijiet ta' flessibbiltà biex tiġi żgurata l-integrazzjoni tagħhom fil-grilja u biex is-sistema tal-elettriku u l-grilja jkunu jistgħu jaġġustaw għall-varjabbiltà tal-ġenerazzjoni u tal-konsum tal-elettriku fuq perjodi ta' żmien differenti. **Sabiex titrawwem flessibbiltà mhux fossili, [...]/jenħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji, jew awtoritajiet jew entitajiet oħra maħtura minn Stat Membru, jivvalutaw perjodikament il-ħtieġa għal flessibbiltà fis-sistema tal-elettriku abbażi tal-input tal-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni u jenħtieġ li dik[...] il-valutazzjoni tikkomplementa r-rappurtar dwar il-flessibbiltà tas-sistemi tal-enerġija nazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' flessibbiltà tas-sistema tal-elettriku jenħtieġ li tqis l-investimenti eżistenti u ppjanati kollha, [...]/inklud l-assi eżistenti li għadhom ma humiex konnessi mal-grilja[...] fuq sorsi ta' flessibbiltà bħall-ġenerazzjoni flessibbli tal-elettriku, l-interkonnnetturi, ir-rispons [...] tad-domanda, il-ħżin tal-enerġija jew il-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli, fid-dawl tal-ħtieġa li s-sistema tal-enerġija tiġi dekarbonizzata. Abbażi ta' dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu objettiv nazzjonali għall-flessibbiltà mhux fossili bħar-rispons[...] tad-domanda u l-ħżin **tal-enerġija** li jenħtieġ li jiġu riflessi wkoll fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima.**

²¹ **Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1*).**

(38) Sabiex jintlaħaq l-oġġettiv nazzjonali **indikattiv** għall-flessibbiltà mhux fossili bħar-rispons[...]
tad-domanda u l-ħtiġijiet tal-investiment fil-ħżin **tal-enerġija, u fejn il-ħtiġijiet ta' flessibbiltà
mhumieq qed jiġu indirizzati bit-tneħħija tal-ostakli tas-suq u l-investimenti eżistenti, l-**
Istati Membri jistgħu **japplikaw skemi ta' appoġġ għall-flessibbiltà mhux fossili li**
jikkonsistu minn pagamenti għall-kapaċità disponibbli ta' flessibbiltà mhux fossili.[...]

(39) [...] ²² [...]

(40) [...]

²² [...]

(40a) Peress li mekkaniżmi ta' kapacià mhux koordinati jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq is-suq intern tal-elettriku, il-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa introduċa qafas komprensiv biex tiġi vvalutata aħjar il-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' kapacià u jittejjeb it-tfassil tagħhom. Minkejja l-ħtieġa li jiġu limitati d-distorsjonijiet għall-kompetizzjoni u s-suq intern, flimkien ma' qafas regolatorju xieraq, il-mekkaniżmi ta' kapacià jistgħu jaqdu rwol importanti biex tiġi żgurata l-adegwatezza tar-riżorsi, b'mod partikolari matul it-tranżizzjoni lejn sistema mingħajr karbonju u għas-sistemi tal-enerġija li mhumiex interkonnessi b'mod suffiċjenti. Għalhekk, filwaqt li jenħtieġ li l-mekkaniżmi ta' kapacià ma jibqgħux jitqiesu bħala miżuri tal-aħħar istanza, jenħtieġ li l-ħtieġa u d-disinn tagħhom jiġu vvalutati perijodikament fid-dawl tal-qafas regolatorju u ċ-ċirkostanzi tas-suq li qed jevolvu. Madankollu, irriżulta li l-proċedura għall-adozzjoni ta' mekkaniżmi ta' kapacià kienet kumplessa. Biex jiġu indirizzati l-possibbiltajiet potenzjali tar-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċess għall-applikazzjoni għal mekkaniżmu ta' kapacià, [...], u biex jiġi żgurat li tħassib dwar l-adegwatezza jkun jista' jiġi indirizzat mill-Istati Membri fil-ħin opportun filwaqt li jiġu pprovduti l-kontrolli meħtieġa biex ma ssirx ħsara lis-suq intern, jenħtieġ li l-Kummissjoni b'mod urġenti/.../ tippreżenta rapport komprensiv li jivvaluta dawn il-possibbiltajiet. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob li l-Aġenzija temenda l-metodoloġija għall-valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tar-riżorsi f'konformità mal-proċess applikabbli, kif xieraq. Jenħtieġ li, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, [...]il-Kummissjoni tressaq proposti bil-ħsieb tar-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċess għall-valutazzjoni tal-mekkaniżmi tal-kapacià kif xieraq, mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament [...].

- (41) Il-konnessjoni ta' installazzjonijiet ġodda ta' ġenerazzjoni u domanda, partikolarment impjanti tal-enerġija rinnovabbli, spiss tiffaċċa dewmien fil-proċeduri ta' konnessjoni mal-grilja. Waħda mir-raġunijiet għal dan id-dewmien hija n-nuqqas ta' kapaċità tal-grilja disponibbli fil-post magħżul mill-investitur, u dan jimplika l-ħtieġa għal estensjonijiet jew tisħiħ tal-grilja biex l-installazzjonijiet jiġu konnessi mas-sistema b'mod sikur. Rekwiżit ġdid għall-operaturi ta-sistema tal-elettriku, kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll f'dak ta' distribuzzjoni, li jippubblikaw u jaġġornaw l-informazzjoni dwar il-kapaċità tal-grilja disponibbli fiż-żoni tal-operat tagħhom, jikkontribwixxi għat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-investituri abbażi tal-informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-kapaċità tal-grilja fi ħdan is-sistema u b'hekk għall-aċċellerazzjoni meħtieġa fl-użu tal-enerġija rinnovabbli.
- (42) Barra minn hekk, sabiex tiġi indirizzata l-problema ta' ħinijiet twal għal tweġiba dwar talbiet għall-konnessjoni mal-grilja, l-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni ċara u trasparenti lill-utenti tas-sistema dwar l-istatus u t-trattament tat-talbiet ta' konnessjoni tagħhom. L-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni jenħtieġ li/[.../ jipprovdu din l-informazzjoni fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tat-talba.
- (43) Matul il-kriżi tal-enerġija, il-konsumaturi kienu esposti għal prezzijiet tal-enerġija bl-ingrossa estremament volatili u kellhom opportunitajiet limitati biex jinvolve ruħhom fis-suq tal-enerġija. Konsegwentement, ħafna unitajiet domestiċi, kienu qed jiffaċċjaw diffikultajiet meta jħallsu l-kontijiet tagħhom. Il-konsumaturi vulnerabbli u l-foqra fl-enerġija huma l-aktar milquta²³, iżda l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju ġew esposti wkoll għal dawn id-diffikultajiet. Għalhekk, huwa importanti li jiġu aġġornati d-drittijiet u l-protezzjonijiet tal-konsumatur, li jippermettu lill-konsumaturi jibbenefikaw mit-tranżizzjoni enerġetika, li l-kontijiet tal-elettriku tagħhom jiġu diżakkoppjati minn movimenti fil-prezzijiet fuq terminu qasir fis-swieq tal-enerġija u li jiġi bbilanċjat mill-ġdid ir-riskju bejn il-fornituri u l-konsumaturi.

²³ Gruppi partikolari huma aktar f'riskju li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku jew huma aktar suxxettibbli għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni anzjani, it-tfal, u persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju.

- (44) Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom aċċess għal firxa wiesgħa ta' offerti sabiex ikunu jistgħu jagħżlu kuntratt skont il-ħtiġijiet tagħhom. Madankollu, il-fornituri naqqsu l-offerti tagħhom, il-kuntratti bi prezz fiss saru skarsi, u l-għażla tal-offerti saret limitata. Il-konsumaturi jenħtieġ li dejjem ikollhom il-possibbiltà li jagħżlu prezz fiss affordabbli u kuntratt għal terminu fiss u l-fornituri jenħtieġ li ma jimmodifikawx unilateralment it-termini u l-kundizzjonijiet qabel ma jiskadi dan il-kuntratt. **Dan ma jibdix il-fatt li l-kuntratti bi prezzijiet dinamiċi jibqgħu essenzjali u li/.../ penetrazzjoni dejjem akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli tista' tgħin lill-konsumaturi jnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu [...]jeżentaw lill-fornituri li joffru biss kuntratti bi prezzijiet dinamiċi mill-obbligu li joffru kuntratti bi prezzijiet fissi u għal terminu fiss, dment li dan ma jkollux impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni u jibqa' jkun hemm għażla suffiċjenti ta' kuntratti bi prezzijiet fissi u għal terminu fiss.**
- (45) Meta l-fornituri ma jiżgurawx li l-portafoll tal-elettriku tagħhom ikun qed jiħħeġġja biżżejjed il-bidliet fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa, dan jista' jħallihom finanzjarjament f'riskju u, jista' jwassal għall-falliment tagħhom, filwaqt li l-kostijiet jiġu mgħoddija lill-konsumaturi u lil utenti oħrajn tan-network. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-fornituri jiġu ħħeġġjati kif xieraq meta joffru kuntratti bi prezzijiet fiss. Strateġija xierqa ta' ħħeġġjar jenħtieġ li tqis l-aċċess tal-fornituri għall-ġenerazzjoni proprja tagħha u l-kapitalizzazzjoni tagħha kif ukoll l-iskopertura tagħha għall-bidliet fil-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa. **L-eżistenza ta' strateġiji xierqa ta' ħħeġġjar tista' tiġi żgurata permezz ta' regoli ġenerali ssorveljati mingħajr ma jitwettaq rieżami speċifiku tal-pożizzjonijiet jew l-istrateġiji ta' fornituri individwali. Testijiet tal-istress u rekwiżiti ta' rappurtar fuq il-fornituri jistgħu jkunu għodod li jintużaw biex jiġu vvalutati l-istrateġiji ta' ħħeġġjar tal-fornituri.**

- (46) Il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-fornitur li joffrilhom il-prezz u s-servizz li l-aħjar jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. L-avvanzi fit-teknoloġija tal-kejl u tal-kejl separat flimkien mat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jfissru li issa huwa teknikament possibbli li jkun hemm diversi fornituri għal bini wieħed. Jekk ikunu jixtiequ hekk, il-klijenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw dawn il-possibbiltajiet biex jagħżlu fornitur separat, partikolarment għall-elettriku sabiex jitħaddem apparat bħal pompi tas-sħana jew vetturi elettriċi li għandhom konsum partikolarment għoli jew li għandhom ukoll il-kapaċità li jibdlu l-konsum tal-elettriku tagħhom awtomatikament b'reazzjoni għas-sinjali tal-prezzijiet. **Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-klijenti jitħallew ikollhom aktar minn punt wieħed ta' metraġġ u ta' kontijiet koperti mill-punt uniku ta' konnessjoni għall-binjiet tagħhom sabiex apparat differenti jkun jista' jitkejjel u jiġi fornut b'mod separat. Jenħtieġ li l-punti ta' metraġġ ikunu distinti b'mod ċar minn xulxin. Jenħtieġ li r-regoli għall-allokazzjoni tal-kostijiet assoċjati jiġu ddeterminati fil-livell nazzjonali. Xi sistemi ta' metraġġ intelliġenti jistgħu jkopru direttament aktar minn punt wieħed ta' metraġġ u għalhekk jippermettu lill-klijenti jkollhom aktar minn kuntratt wieħed ta' provvista tal-elettriku fl-istess ħin. Jenħtieġ li l-fornituri ma jkunux responsabbli mill-ibbilanċjar ħlief għall-punti ta' metraġġ u ta' kontijiet li huma jfornu. Barra minn hekk, [...]permezz tal-faċilitazzjoni ta' soluzzjonijiet [...]ta' kejl[...] iddedikati[...], [...] li jkunu mqabbda ma' apparat jew li jkunu inkorporati fih b'taġġbijiet flessibbli u kontrollabbli, il-klijenti finali jistgħu jipparteċipaw fi skemi oħrajn ta' rispons tad-domanda bbażati fuq l-inċentivi li jipprovdu servizzi ta' flessibbiltà fis-suq tal-elettriku u lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni.**
- Kumplessivament, dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-adozzjoni akbar tar-rispons tad-domanda u għall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi li jippermettulhom li jkollhom aktar kontroll fuq l-użu tal-enerġija u l-kontijiet tagħhom, filwaqt li jipprovdu lis-sistema tal-elettriku flessibbiltà addizzjonali sabiex ilaħħqu mal-varjazzjonijiet fid-domanda u fil-provvista.

- (47) Minħabba l-kumplessità dejjem akbar tal-offerti tal-enerġija u l-prattiki differenti tal-kummerċjalizzazzjoni, il-konsumaturi spiss ikollhom diffikultajiet biex jifhmu bis-siġh dak li jiffirmaw għalih. B'mod partikolari, hemm nuqqas ta' ċarezza dwar kif jiġi stabbilit il-prezz, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid tal-kuntratt, il-konsegwenzi tat-terminazzjoni ta' kuntratt jew ir-raġunijiet għat-tibdil fil-kundizzjonijiet mill-fornitur. Għalhekk, l-informazzjoni ewlenija dwar l-offerti tal-enerġija jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-konsumaturi minn fornituri jew minn parteċipanti fis-suq involuti fl-aggregazzjoni b'mod qasir u li jinftiehem faċilment qabel ma jiġi ffirmit il-kuntratt.
- (48) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-provvista għall-konsumaturi [...] **b'mod partikolari f'każijiet ta' falliment ta' fornitur, jenħtieġ li l-Istati Membri [...] jimplimentaw sistema ta' fornituri tal-aħħar istanza. Jenħtieġ li jkun possibbli li [...] l-fornitur tal-aħħar istanza jinħatar jew qabel jew fil-mument ta' falliment tal-fornitur. Dan il-fornitur tal-aħħar istanza [...] jista' jiġi ttrattat bħala [...] fornitur ta' servizz universali. [...] Fornitur tal-aħħar istanza jista' jkun id-diviżjoni tal-bejgħ ta' intrapriża integrata vertikalment li twettaq ukoll funzjonijiet [...] ta' distribuzzjoni, dment li jissodisfa r-rekwiżiti ta' separazzjoni [...] tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴. Madankollu, dan ma jimplikax li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu li jipprovdu għal ċertu prezz minimu fiss. Fejn, qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, Stat Membru jkun diġà ħatar fornitur tal-aħħar istanza permezz ta' proċedura ġusta, trasparenti u mhux diskriminatorja, ma jkunx hemm il-ħtieġa li ssir proċedura ġdida biex jinħatar il-fornitur tal-aħħar istanza.**

²⁴ **Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).**

- (49) Il-kondiviżjoni tal-enerġija tista' toħloq reżiljenza kontra l-effetti ta' prezzijiet għoljin u volatili tas-suq bl-ingrossa fuq il-kontijiet tal-enerġija tal-konsumaturi, tagħti s-setgħa lil grupp usa' ta' konsumaturi li ma jkollhomx l-għażla li jsiru klijent attiv minħabba restrizzjonijiet finanzjarji jew spazjali, bħal konsumaturi foqra fl-enerġija u vulnerabbli, u twassal għal żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli billi timmobilizza investimenti kapitali privati addizzjonali u tiddiversifika l-perkorsi ta' remunerazzjoni. Bl-integrazzjoni ta' sinjali tal-prezzijiet u faċilitajiet ta' ħżin xierqa, il-kondiviżjoni tal-elettriku tista' tgħin biex twitti t-triq biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' flessibbiltà ta' konsumaturi iżgħar.
- (50) Il-klijenti attivi li huma sidien jew li jikru faċilità ta' ħżin jew ta' ġenerazzjoni jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jikkondividu l-produzzjoni żejda **bi prezz jew mingħajr ħlas** u jagħtu s-setgħa lil konsumaturi oħrajn biex isiru attivi, jew biex jaqsmu l-enerġija rinnovabbli ġġenerata jew maħżuna minn faċilitajiet konġuntement mikrija jew li huma s-sidien tagħhom, direttament jew permezz ta' faċilitatur ta' parti terza. **Kwalunkwe pagament għall-kondiviżjoni ta' produzzjoni eċċessiva għal prezz jista' jew jiġi saldat direttament bejn il-klijenti attivi jew ikun awtomatizzat permezz ta' pjattaforma ta' negozjar bejn il-pari.** L-arranġament dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija jew huwa bbażat fuq ftehim kuntrattwali privat bejn klijenti attivi jew huwa organizzat permezz ta' entità ġuridika. Entità ġuridika li tinkorpora l-kriterji ta' komunità tal-enerġija rinnovabbli kif definiti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 [...]jew komunità tal-enerġija taċ-ċittadini kif definita fid-Direttiva (UE) 2019/944 [...]tista' tikkondividi mal-membri tagħha l-elettriku ġġenerat minn faċilitajiet li għandhom sjieda sħiħa tagħhom. Il-qafas ta' protezzjoni u ta' għoti tas-setgħa għall-kondiviżjoni tal-enerġija jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari lill-konsumaturi foqra fl-enerġija u vulnerabbli.

- (51) Il-kondiviżjoni tal-enerġija toperazzjonalizza l-konsum kollettiv tal-elettriku awtoġġenerat jew maħżun injettat fil-grilja minn aktar minn klijent attiv wieħed li jaġixxi konġuntement. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-infrastruttura tal-IT xierqa biex jippermettu t-tqabbil amministrattiv f'ċertu perjodu ta' żmien tal-konsum **totali metrat tal-klijent** mal-enerġija rinnovabbli awtoġġenerata jew maħżuna **li jitnaqqas mill-konsum totali** sabiex jiġi kkalkulat il-komponent tal-enerġija tal-kont tal-enerġija **maħruġ mill-fornitur tal-klijent u b'hekk jorħos il-kont tal-klijent**. L-output ta' dawn il-faċilitajiet jenħtieġ li jitqassam fost il-profilu tat-tagħbija tal-konsumatur aggregati abbażi ta' metodi ta' kalkolu statiċi, varjabbli jew dinamiċi li jistgħu jiġu ddefiniti minn qabel jew miftiehma mill-klijenti attivi. **Il-klijenti attivi involuti fil-kondiviżjoni tal-enerġija huma finanzjarjament responsabbli għall-iżbilanċi li jikkawżaw. Jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-klijenti attivi jiddelegaw ir-responsabbiltajiet ta' bilanċjar tagħhom lill-parteciġpanti l-oħra fis-suq. [.../Id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-konsumatur stipulati f'din id-Direttiva japplikaw għall-klijenti finali involuti fi skemi tal-kondiviżjoni tal-enerġija. Madankollu, jenħtieġ li l-unitajiet domestiċi b'kapaċità installata sa 10.8 kW għal unitajiet domestiċi individwali u sa 50 kW għal blokko b'appartamenti multipli ma jkunux meħtieġa jikkonformaw mal-obbligi tal-fornituri.**
- (52) Il-klijenti vulnerabbli jenħtieġ li jkunu protetti b'mod adegwat minn skonnessjonijiet tal-elettriku u jenħtieġ li, barra minn hekk, ma jkunux f'pożizzjoni li tisfurzom jiskonnettjaw. Ir-rwol tal-fornituri u tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha li jidentifikaw miżuri xierqa, kemm fuq terminu qasir kif ukoll fuq terminu twil, li jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-klijenti vulnerabbli biex jimmaniġġaw l-użu u l-kostijiet tal-enerġija tagħhom jibqa' essenzjali, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

- (53) L-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku jikkostitwixxu, fil-prinċipju, miżura li toħloq distorsjoni fis-suq. Dawn l-interventi jistgħu għalhekk jitwettqu biss bħala obbligi ta' servizz pubbliku u huma soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi. Skont din id-Direttiva, il-prezzijiet regolati huma possibbli għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija u vulnerabbli, inkluż taħt il-kostijiet, u, bħala miżura ta' tranżizzjoni, għall-unitajiet domestiċi u għall-mikrointrapriżi **irrispettivament minn jekk ikunx hemm kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku**. Fi żminijiet ta' kriżi, meta l-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa u bl-imnut jiżdiedu konsiderevolment, u dan ikollu impatt negattiv fuq l-ekonomija usa', l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jestendu, temporanjament, l-applikazzjoni ta' prezzijiet regolati anke għall-SMEs. Kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għall-SMEs, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jistabbilixxu prezzijiet regolati temporanjament taħt il-kostijiet sakemm dan ma jgħoq distorsjoni bejn il-fornituri, u l-fornituri jiġu kumpensati għall-kostijiet tal-forniment taħt il-kost **matul kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku**. Madankollu, jeħtieġ li jiġi żgurat li din ir-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tkun immirata u ma toħloqx inċentivi biex jiżdied il-konsum. Għalhekk, jenħtieġ li [...] **l-estensjoni temporanja tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tkun limitata għal 80 % tal-konsum medjan tal-unitajiet domestiċi għall-unitajiet domestiċi, u 70 % tal-konsum tas-sena ta' qabel għall-SMEs. [...] Jenħtieġ li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jiddetermina permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni meta teżisti kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku[...] reġjonali jew fl-Unjoni kollha. Jenħtieġ li l-valutazzjoni dwar jekk teżistix kriżi fil-prezzijiet bħal din tkun ibbażata fuq tqabbil mal-prezzijiet fi żminijiet ta' funzjonament normali tas-suq u għalhekk teskludi l-impatt ta' kriżijiet preċedenti. Jenħtieġ li d-deċiżjoni tispeċifika wkoll il-validità ta' dik id-determinazzjoni, li matulha tapplika l-estensjoni temporanja tal-prezzijiet irregolati, li tista' tkun sa sena. Meta l-kundizzjonijiet jibqgħu jiġu ssodisfati biex jitqies li teżisti kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku reġjonali jew fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jestendi l-perjodu ta' validità tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni. L-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill iqis b'mod adegwat in-natura politika tad-deċiżjoni li jiġu attivati l-possibbiltajiet estiżi għal interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku, li teħtieġ ibbilanċjar delikat ta' konsiderazzjonijiet politiċi differenti, kif ukoll l-implikazzjonijiet orizzontali ta' deċiżjoni bħal din għall-Istati Membri.**

- (53a) Il-limitu massimu fuq id-dħul inframarġinali introdott fl-Artikoli 6 sa 8 u fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 f'xi każijiet ipprova sors rilevanti ta' introjtu li l-Istati Membri użaw biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku fil-kontijiet tal-konsumaturi. Dan ir-Regolament jipprovdi għodod li ser jipprovdu wkoll sollied għall-konsumaturi fi żminijiet ta' prezzijiet għoljin tal-elettriku; filwaqt li l-Istati Membri jimplimentaw dawk l-għodod, jenħtieġ li jitħallew japplikaw ukoll limitu massimu fuq id-dħul inframarġinali sat-30 ta' Ġunju 2024. Jenħtieġ li dak il-limitu massimu fuq id-dħul ikun soġġett għal kundizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk li kienu applikabbli skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854. Sabiex tivvaluta l-applikazzjoni ta' kwalunkwe tali limitu massimu fuq id-dħul, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ rapport lill-Parlament u lill-Kunsill.
- (53aa) Sa fejn kwalunkwe waħda mill-miżuri previsti minn dan/.../ ir-Regolament tikkostitwixxi għajna mill-Istat, id-dispożizzjonijiet dwar dawn il-miżuri huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE. Il-Kummissjoni hija kompetenti biex tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajna mill-Istat mas-suq intern.
- (53b) Peress li l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja għadhom mhumieq sinkronizzati mas-sistema Ewropea tal-elettriku, huma jiffaċċjaw sfidi speċifiċi ħafna meta jorganizzaw swieq tal-ibbilanċjar u l-akkwist ta' servizzi anċillari bbażat fuq is-suq. Filwaqt li s-sinkronizzazzjoni tinsab fi stadju avvanzat, wieħed mill-prerekwiżiti kritiċi għall-istabbiltà tal-operazzjoni sinkronika tas-sistema huwa d-disponibbiltà ta' riżervi suffiċjenti tal-kapaċità tal-ibbilanċjar għar-regolamentazzjoni tal-frekwenza. Madankollu, peress li jiddependu fuq iż-żona sinkronika Russa għall-ġestjoni tal-frekwenza, il-pajjiżi Baltiċi kienu għadhom mhumieq f'pożizzjoni li jiżviluppaw suq tal-ibbilanċjar tagħhom stess li jiffunzjona. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna żiedet b'mod sostanzjali r-riskju għas-sigurtà tal-provvista li jirriżulta min-nuqqas ta' swieq tal-ibbilanċjar proprji.

Għalhekk, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6[...] (9), (10), (11) tar-Regolament (UE) 2019/943 u tal-Artikolu 41[...] (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195, li huma mfassla biex japplikaw għas-swieq tal-ibbilanċjar eżistenti, għadhom ma jirriflettux is-sitwazzjoni fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja, b'mod partikolari peress li l-iżvilupp ta' suq tal-ibbilanċjar jeħtieġ iż-żmien u investimenti ġodda fil-kapaċità tal-ibbilanċjar. Għalhekk, jenħtieġ li l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, irrISPettivament minn dawk ir-rekwiżiti, ikunu intitolati jikkonkludu kuntratti aktar fit-tul biex jakkwistaw kapaċità tal-ibbilanċjar għal perjodu tranżitorju.

- (53ba) Jenħtieġ ukoll li l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jkunu eżentati mir-rekwiżiti ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40[...] (4) u 54[...] (2) tad-Direttiva (UE) 944/2019 sa fejn dan ikun meħtieġ biex tiġi żgurata s-sigurtà tas-sistema għal perjodu tranżitorju.
- (53c) Jenħtieġ li l-perjodi tranżitorji għall-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jitneħħew gradwalment mill-aktar fis possibbli wara s-sinkronizzazzjoni, u jintużaw biex jiġu żviluppati l-istrumenti xierqa tas-swieq li joffru riżervi tal-ibbilanċjar għal żmien qasir u servizzi anċillari indispensabbli oħra, u jenħtieġ li jkunu limitati għaż-żmien meħtieġ għal dan il-proċess.
- (53d) L-Istati Baltiċi huma previsti li jkunu sinkronizzati maż-żona sinkronika tal-Ewropa kontinentali permezz ta' linja b'ċirkwit doppju li tgħaqqad il-Polonja u l-Litwanja. Mas-sinkronizzazzjoni, il-kapaċità ta' din il-linja, fil-biċċa l-kbira tagħha, ser ikollha tinżamm għal marġini ta' affidabbiltà f'każ ta' qtugħ mhux mistenni fis-Sistema Baltika u devjazzjonijiet mhux intenzjonati li jirriżultaw minn dan. Jenħtieġ li l-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni jkomplu joffru kapaċità massima għall-kummerċ transfruntier, f'konformità mal-limiti tas-sigurtà operazzjonali u filwaqt li jikkunsidraw kontinġenzi possibbli fis-sistemi Pollakki u Litwani, inkluż dawk li jirriżultaw minn qtugħ ta' linji ta' kurrent dirett b'vultaġġ għoli jew skonnessjoni tal-Istati Baltiċi miż-żona sinkronika tal-Ewropa kontinentali. Is-sitwazzjoni speċifika ta' din l-interkonnessjoni jenħtieġ li titqies għall-kalkolu tal-kapaċità totali u tal-kontinġenzi skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) 2019/943.

- (53e) Meta wieħed iqis li s-sistema ta' trażmissjoni Ċiprijotta mhi konnessa mal-ebda Stat Membru, Ċipru qed jiffaċċa sfidi speċifiċi ħafna meta jorganizza swieq ta' bbilanċjar u l-akkwist ibbażat fuq is-suq ta' servizzi anċillari. Jenħtieġ li Ċipru jkun eżentat mir-rekwiżiti ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40(4) u 54 (2) tad-Direttiva (UE) 944/2019 sa fejn dan ikun meħtieġ biex tiġi żgurata s-sigurtà tas-sistema għal perjodu tranżitorju, jiġifieri sakemm is-sistema tat-trażmissjoni Ċiprijotta tkun konnessa ma' Stati Membri oħra permezz ta' interkonnetturi.
- (53f) Biex jiġu appoġġati l-oġettivi tal-protezzjoni ambjentali, l-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi rekwiżiti dwar il-limiti tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-mekkaniżmi ta' kapaċità. Madankollu, matul it-tranżizzjoni tagħhom lejn sistema mingħajr karbonju u wara l-kriżi tal-enerġija, l-Istati Membri li japplikaw mekkaniżmi ta' kapaċità li ġew approvati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu b'mod eċċezzjonali jidderogaw minn dan il-limitu tal-emissjonijiet tas-CO2 għal perjodu ta' żmien limitat, u dan bħala mekkaniżmu tal-aħħar istanza. Madankollu, jenħtieġ li tali deroga tkun limitata għall-kapaċità ta' ġenerazzjoni eżistenti li l-produzzjoni kummerċjali tagħha tkun bdiet qabel l-4 ta' Lulju 2019, jiġifieri qabel id-dħul fis-seħħ tal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa. F'każ li l-proċessi ta' akkwist preċedenti li jkunu rrispettaw il-limiti tal-emissjonijiet tas-CO2 ma jkunux wasslu għall-kapaċità meħtieġa biex jiġi indirizzat it-tħassib identifikat dwar l-adeqwatezza, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jorganizzaw proċess ta' akkwist addizzjonali li jissodisfa r-rekwiżiti kollha fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għajr dawk li jikkonċernaw il-limiti tal-emissjonijiet tas-CO2, u esklużivament għall-ammont ta' kapaċità li jkun meħtieġ biex jissolva t-tħassib dwar l-adeqwatezza li jkun ġie identifikat. Jenħtieġ li kapaċità ta' ġenerazzjoni li ma tirrispettax il-limiti tal-emissjonijiet tas-CO2 ma tiġix akkwistata għal perjodu itwal minn sena. Din l-applikazzjoni ma għandhiex tkun ta' detriment għall-pjanijiet ta' dekarbonizzazzjoni antiċipati mill-Istati Membri.
- (53g) Jenħtieġ li l-mekkaniżmi ta' kapaċità ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tar-riżorsi kollha li huma kapaċi jipprovdu l-prestazzjoni teknika meħtieġa, inkluż l-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass, dment li jissodisfaw il-limitu tal-emissjonijiet fl-Artikolu 22(4).

- (54) Il-miżuri previsti b'dan[.../ ir-Regolament huma wkoll mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**²⁵, ir-Regolament (UE) 2016/1011 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**²⁶ u r-Regolament (UE) 648/2012**tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**²⁷.
- (55) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸, ir-Regolament (UE) 2019/943[...], id-Direttiva (UE) 2019/944 [.../u d-Direttiva (UE) 2018/2001 [.../jiġu emendati skont dan.
- (56) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, **jiġifieri li jtejjeb it-tfassil tas-suq integrat tal-elettriku, b'mod partikolari biex jiġu evitati prezzijiet għoljin mhux ġustifikati tal-elettriku,** ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.

²⁵ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22).

ADOTTAW[.../ DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/943 [.../

Ir-Regolament (UE) 2019/943 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

[a] il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jistabbilixxi prinċipji fundamentali għal swieq tal-elettriku integrati u li jiffunzjonaw tajjeb, li jippermettu lill-fornituri kollha tar-riżorsi u lill-klijenti tal-elettriku aċċess mhux diskriminatorju għas-suq, jippermettu l-iżvilupp ta' swieq tal-elettriku forward biex jippermettu lill-fornituri u lill-konsumaturi jidher u jwettqu jipproteġu lilhom infushom kontra r-riskju ta' volatilità futura fil-prezzijiet tal-elettriku, jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi, jiżguraw il-kompetittività fis-suq globali, itejbu l-flessibbiltà permezz tar-rispons tad-domanda, il-ħżin tal-enerġija u soluzzjonijiet oħrajn ta' flessibbiltà mhux fossili, jiżguraw l-effiċjenza enerġetika, jiffaċilitaw l-aggregazzjoni tad-domanda u tal-provvista distribwiti, u jippermettu l-integrazzjoni settorjali u tas-suq u r-remunerazzjoni abbażi tas-suq għal elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli;"

[b] jiżdied il-punt li ġej:

"(e) jappoġġa investimenti fuq terminu twil fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u jippermetti lill-konsumaturi jagħmlu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom anqas dipendenti fuq[.../ il-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet tas-suq tal-elettriku fuq terminu qasir, partikolarment l-prezzijiet tal-fjuwils fossili fuq terminu medju sa twil."

(2) Fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti li ġejjin: "(72) "ħin l-aktar intensiv" tfisser ħin **fejn, abbażi tat-tbassir tal-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u, fejn applikabbli, tal-operaturi ddeżinjati tas-suq tal-elettriku, il-konsum gross tal-elettriku jew il-prezz bl-ingrossa tal-elettriku ta' ġurnata bil-quddiem ikun mistenni li jkun l-ogħla**, [...], filwaqt li jitqiesu l-iskambji transżonali;

(73) "trażżin tal-quċċata tad-domanda" tfisser il-kapaċità tal-partekipanti fis-suq li jnaqqsu l-konsum tal-elettriku fil-ħinijiet l-aktar intensivi **fuq[...] talba ta**/.../l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni;

(74) "prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda" tfisser prodott ibbażat fuq is-suq li permezz tiegħu l-partekipanti fis-suq jistgħu jipprovdu trażżin tal-quċċata tad-domanda lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni;

(75) "ċentru virtwali" tfisser reġjun mhux fiżiku li jkopri aktar minn żona tal-offerti waħda li għaliha jiġi stabbilit prezz [...] [...] **ta' referenza** fl-applikazzjoni ta' metodoloġija;

(76) "kuntratt bidirezzjonali għad-differenza" tfisser kuntratt iffirmit bejn operatur ta' faċilità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u kontroparti, normalment entità pubblika, li jipprovdi kemm protezzjoni minima tar-remunerazzjoni kif ukoll limitu għar-remunerazzjoni eċċessiva; [...]

(77) "ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija" jew "PPA" tfisser kuntratt li taħtu persuna fiżika jew ġuridika taqbel li tixtri l-elettriku mingħand produttur tal-elettriku fuq bażi tas-suq;

[...]

(79) "strument **tal-kejl**[...] dedikat" tfisser apparat **marbut**[...] ma' jew inkorporat f'assi li **tipprowdi**[...] servizzi ta' rispons tad-domanda jew ta' flessibbiltà għad-domanda fis-suq tal-elettriku jew lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni;

(80) "flessibbiltà" tfisser l-abilità ta' sistema tal-elettriku li taġġusta għall-varjabbiltà tax-xejriet tal-ġenerazzjoni u tal-konsum u għad-disponibbiltà tal-grilja, matul il-perjodi ta' żmien rilevanti tas-suq."

(2a) Fl-Artikolu 2, il-punt li ġej huwa emendat kif ġej:

(22) "mekkaniżmu ta' kapaċità" tfisser miżura li tiżgura l-kisba tal-livell meħtieġ ta' adegwatezza tar-riżorsi billi jiġu remunerati riżorsi għad-disponibbiltà tagħhom, bl-esklużjoni ta' miżuri relatati ma' servizzi anċillari jew mal-ġestjoni tal-konġestjoni;

(3) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

[a] il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u n-NEMOs, jew entità ddeżinjata minnhom, għandhom jorganizzaw b'mod konġunt il-ġestjoni tas-swieq integrati ta' ġurnata bil-quddiem u tas-swieq integrati tal-istess ġurnata f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/1222. L-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u n-NEMOs għandhom jikkooperaw fil-livell tal-Unjoni jew, fejn ikun aktar xieraq, f'livell reġjonali sabiex jimmassimizzaw l-effiċjenza u l-effettività tan-negozjar ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata tal-elettriku tal-Unjoni. L-obbligu ta' kooperazzjoni għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Fil-funzjonijiet tagħhom relatati man-negozjar tal-elettriku, l-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u n-NEMOs[...], **jew entità maħtura minnhom**, għandhom ikunu soġġetti għal sorveljanza regolatorja mill-awtoritajiet regolatorji skont l-Artikolu 59 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-ACER skont l-Artikoli 4 u 8 tar-Regolament (UE) 2019/942."

[b] il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(c) jimmassimizzaw l-opportunitajiet għall-parteciċipanti kollha fis-suq biex jipparteċipaw f'kummerċ transzonal u intrazonal b'mod nondiskriminatorju u qrib kemm jista' jkun il-ħin reali fiż-żoni tal-offerti kollha;

(ii) jiddaħħal il-punt (ca) li ġej:

"(ca) jiġu organizzati b'tali mod li tiġi żgurata l-kondiviżjoni tal-likwidità bejn in-NEMOs kollha, kemm għall-kummerċ transżonali kif ukoll għall-kummerċ intrażonali **f'kull mument bejniethom, inkluż wara l-għeluq tan-negozju tal-kapaċità transżonali tal-istess ġurnata. B'mod partikolari, in-NEMOs għandhom jippreżentaw[...] l-ordnijiet[...] kollha għall-prodotti ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata lill-akkoppjament singolu ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata sal-aħħar mument li fih ikun permess negozjar ġurnata bil-quddiem jew fl-istess ġurnata f'żona tal-offerti partikolari. In-NEMOs ma għandhomx jorganizzaw in-negozjar bi prodotti ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata barra mill-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata. Dan l-obbligu għandu japplika għan-NEMOs, u fejn xieraq għall-impriżi li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll jew kwalunkwe dritt fuq NEMO u għal impiżi li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll fuq NEMO jew li huma kkontrollati minnu. [...]**

(4) jiddaħħlu l-Artikoli [...]/li ġejjin:

"Artikolu 7a

Prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda

1. **Fejn tiġi ddikjarata kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku fil-livell reġjonali jew fl-Unjoni kollha f'konformità mal-Artikolu 66a tad-Direttiva (UE) 2019/944, u [...]/mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 40(5) u [...](6) ta' dik[...] id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw operaturi ta' sistemi [...]biex jakkwistaw prodotti għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda sabiex jinkiseb tnaqqis fid-domanda għall-elettriku fil-[/...]/ħinijiet l-aktar intensivi. Tali akkwist għandu jkun limitat għat-tul ta' żmien stipulat fid-deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 66a(1/.../) tad-Direttiva (UE) 2019/944.**
2. [...]/L-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni li jfittxu li jakkwistaw prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda għandhom jissottomettu proposta li tistabbilixxi d-dimensjonar u l-kundizzjonijiet għall-akkwist **u l-attivazzjoni** tal-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda lill-awtorità regolatorja tal-Istat Membru kkonċernat. Il-proposta tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) id-dimensjonar tal-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-ħtieġa ta' servizz addizzjonali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista, **tal-impatt tiegħu fuq is-suq u tal-kostijiet u l-benefiċċji mistennija tiegħu**. [...] Id-dimensjonar għandu jkoll il-previżjoni tad-domanda, il-previżjoni tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, [...] il-previżjoni ta' sorsi oħrajn ta' flessibbiltà fis-sistema, **u l-impatt tal-prezz bl-ingrossa tad-dispaċċ evitat**. Id-dimensjonar tal-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda għandu jkun limitat sabiex jiġi żgurat li [...] **l-kostijiet previsti ma jaqbżux** [...] il-benefiċċji **mistennija** tal-prodott[...];
- (b) l-akkwist ta' prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji u jkun limitat għar-rispons tad-domanda;
- (c) l-akkwist tal-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda għandu jsir permezz ta' [...] rkanti kompetittivi[...], **li jistgħu jkunu kontinwi**, b'għażla bbażata fuq l-anqas kost biex jiġu ssodisfati l-kriterji tekniċi u ambjentali predefiniti;
- (d) il-kuntratti għal prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda ma għandhomx jiġu konklużi aktar minn [...] **ġimgħa** qabel l-attivazzjoni tiegħu[...];

- (e) l-attivazzjoni tal-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda ma għandhiex tnaqqas il-kapaċità transżonali;
- (f) l-attivazzjoni tal-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda għandha ssir **qabel jew dakinhar** [...]/tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem u **tista' ssir abbażi ta' prezz tal-elettriku predefinit**/.../;
- (g) il-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda ma għandux jimplika li jibda jiġi ġġenerat elettriku **bbażat fuq il-fjuwils fossili** li jinsab wara l-punt ta' metraġġ.
3. It-tnaqqis reali tal-konsum li jirriżulta mill-attivazzjoni ta' prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda għandu jitkejjel skont linja bażi, li tirrifletti l-konsum mistenni tal-elettriku mingħajr l-attivazzjoni tal-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda. **Meta operatur ta' sistema ta' trażmissjoni jiddeċiedi li jakkwista prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda f'konformità mal-paragrafu 1, huwa**[...] għandu jiżviluppa metodoloġija bażi f'konsultazzjoni mal-parteciċipanti fis-suq u jissottomettiha lill-awtorità regolatorja.
4. L-awtoritajiet regolatorji għandhom japprovaw il-proposta tal-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni li jkunu qed ifittxu li jakkwistaw prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda u l-metodoloġija bażi ppreżentata f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 jew għandhom jitolbu lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni biex jemendaw il-proposta meta ma tissodisfax ir-rekwiżiti stipulati f'dawn il-paragrafi.

Strument **tal-kejl**[...]/ dedikat

1. [.../ **Bl-approvazzjoni tal-klijent aħħari**, l-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni **jistgħu**[...] jużaw data minn strumenti **tal-kejl**[...] dedikati għall-osservazzjoni u r-regolazzjoni tas-servizzi ta' rispons tad-domanda u ta' flessibbiltà, inkluż minn sistemi ta' ħżin.
- [.../2. **Meta klijent aħħari ma jkollux arloġġ intelliġenti installat jew meta l-arloġġ intelliġenti ta' klijent aħħari [...] ma jagħtix id-data meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi ta' rispons tad-domanda jew ta' flessibbiltà, inkluż permezz ta' aggregatur indipendenti, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom jaċċettaw id-data minn strument tal-kejl dedikat, fejn disponibbli, għar-regolazzjoni tas-servizzi ta' rispons tad-domanda u ta' flessibbiltà, inkluż is-sistemi tal-ħżin, u ma għandhomx jiddiskriminaw kontra dak il-klijent aħħari fl-akkwist tagħhom ta' servizzi ta' flessibbiltà. Dan l-obbligu għandu japplika hekk kif jiġu stabbiliti r-regoli u r-rekwiżiti mill-Istati Membri skont il-paragrafu 3, u għandu jkun soġġett għall-konformità magħhom. [...]**
- [.../3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu rekwiżiti għal proċess ta' validazzjoni tad-data mogħtija minn strumenti **tal-kejl**[...] dedikati biex tiġi verifikata u żgurata l-kwalità tad-data rispettiva.";

(5) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. "In-NEMOs għandhom jippermettu lill-parteciċipanti fis-suq jinneozjaw l-enerġija kemm jista' jkun qrib il-ħin reali u tal-anqas sal-ħin tal-għeluq tan-negożju tal-kapaċità transzonal tal-istess ġurnata. Sal-1 ta' Jannar 2026/.../, il-ħin tal-għeluq tan-negożju tal-kapaċità transzonal tal-istess ġurnata għandu jkun mhux aktar kmieni minn 30 minuta qabel il-ħin reali. **L-awtorità regolatorja ta' Stat Membru partikolari tista', fuq talba tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni rilevanti, tagħti deroga mir-rekwiżit fl-ewwel subparagrafu, sal-1 ta' Jannar 2029. Tali talba għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità regolatorja kkonċernata u għandha tinkludi:**

- a) **valutazzjoni tal-impatt li turi l-ħtieġa għad-deroga, ibbażata fuq riskju għas-sigurtà tal-provvista u li tqis ir-rispons mill-parteciċipanti fis-suq u min-NEMOs, u**
- b) **pjan ta' azzjoni biex il-ħin tal-għeluq tan-negożju tal-kapaċità transzonal tal-istess ġurnata jitqassar għal 30 minuta sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2029.**

L-awtorità regolatorja tista', fuq talba tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni rilevanti, tagħti deroga oħra mir-rekwiżit fl-ewwel subparagrafu għal massimu ta' tliet snin li jibdedw jgħoddu mill-iskadenza tal-perjodu msemmi fit-tieni subparagrafu. It-talba mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni li jagħmel it-talba, lin-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku u lill-ACER sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2028 u għandha tinkludi:

- (a) valutazzjoni tal-impatt ġdida li tiġġustifika l-ħtieġa ta' deroga oħra, ibbażata fuq ir-riskji għas-sigurtà tal-provvista u li tqis ir-rispons mill-parteciċipanti fis-suq u min-NEMOs,
- (b) pjan ta' azzjoni rivedut biex jitqassar il-ħin tal-għeluq tan-negozju tal-kapaċità transżonali tal-istess ġurnata għal 30 minuta sad-data li għaliha tintalab l-estensjoni u mhux aktar tard mid-data mitluba għad-deroga.

L-ACER għandha toħroġ opinjoni dwar l-impatt transfruntier ta' deroga oħra kif imsemmi fit-tielet subparagrafu fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi talba għal tali deroga ulterjuri. L-awtorità regolatorja kkonċernata għandha tqis dawn l-opinjoni jiet qabel ma tiddeċiedi fuq talba għal deroga ulterjuri."

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. "In-NEMOs għandhom jipprovdu prodotti għan-negozjar fi swieq ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata li huma żgħar biżżejjed fid-daqs, b'daqsijiet minimi ta' offerti ta' 100 kW jew anqas, biex jippermettu l-parteciċipazzjoni effettiva tar-rispons min-naħa tad-domanda, tal-ħżin tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira inkluż il-parteciċipazzjoni diretta mill-klijenti."

[6] L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 9

Swieq forward

1. **[...]Id-disinn tas-suq forward tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq ċentri virtwali reġjonali appoġġati mill-anqas minn drittijiet ta' trażmissjoni fit-tul maħruġa minn operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni/[...], li jippermettu l-iħħeġġjar tar-riskju tal-prezzijiet fiż-żoni tal-offerti.**
2. **24 xahar wara [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha, wara li tlesti valutazzjoni tal-impatt, tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 59, li jstabbilixxi d-disinn imsemmi fil-paragrafu 1. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu b'mod partikolari:**
 - (a) **jinkludi metodoloġija għad-definizzjoni tal-ambitu ġeografiku taċ-ċentri virtwali reġjonali[...], inkluż iż-żoni tal-offerti li jikkostitwixxu dawn iċ-ċentri, bl-għan li tiġi massimizzata l-korrelazzjoni tal-prezzijiet bejn il-prezzijiet ta' referenza u l-prezzijiet taż-żoni tal-offerti li jikkostitwixxu ċentri virtwali;**
 - (b) **jinkludi metodoloġija għall-kalkolu tal-prezzijiet ta' referenza għaċ-ċentri virtwali reġjonali[...], bl-għan li jiġu mmassimizzati l-korrelazzjonijiet bejn il-prezz ta' referenza u l-prezzijiet taż-żoni tal-offerti li jikkostitwixxu ċentru virtwali reġjonali; tali metodoloġija għandha tkun [...]ibbażata fuq kriterji oġġettivi predefiniti;**

- (c) jinkludi definizzjoni ta' drittijiet finanzjarji ta' trażmissjoni fit-tul **bejn** [...] iż-żoni tal-offerti u[...] ċ-ċentri virtwali **reġjonali** [...] **bħala obbligi finanzjarji li jippermettu lill-parteċipanti fis-suq jidhergħaw l-esponiment tagħhom għal firxiet ta' prezzijiet pożittivi u negattivi, inkluż fir-rigward ta' volumi u maturitajiet**;
- (d) jimmassimizza l-opportunitajiet ta' negozjar għall-idhergħaw ta' prodotti li jirreferenzjaw iċ-ċentri virtwali **reġjonali** għas-suq forward kif ukoll għad-drittijiet ta' trażmissjoni fit-tul miż-żoni tal-offerti għaċ-ċentri virtwali **reġjonali**; u[...]
- (e) **jispeċifika kif il-pjattaforma unika ta' allokazżjoni msemija fil-paragrafu 3 għandha toffri l-allokazżjoni u tiffaċilita l-kummerċ tad-drittijiet tat-trażmissjoni fit-tul.**

3. **Il-pjattaforma unika ta' allokazżjoni stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1719 għandha tagħxi bħala entità li toffri l-allokazżjoni u tiffaċilita n-negozjar tad-drittijiet tat-trażmissjoni fit-tul f'isem l-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni/.../. Għandu jkollha forma ġuridika kif imsemmi fl-Anness II għad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹.**

2. [...]

3. [...]

²⁹ **Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46).**

4. [...]



5. Meta awtorità regolatorja tqis li ma hemmx biżżejjed opportunitajiet ta' ħħeġġjar disponibbli għall-parteciċpanti fis-suq, u wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti tas-suq finanzjarju f'każ li s-swieq forward ikunu jikkonċernaw strumenti finanzjarji kif definiti skont l-Artikolu 4(1), **il-punt (15), [.../ tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**³⁰, din tista' tirrikjedi li l-operaturi ta' sistemi tal-iskambji tal-enerġija jew ta' trażmissjoni jimplimentaw miżuri addizzjonali, bħal attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq, biex itejbu l-likwidità tas-suq forward.
6. [...]Soġġett għall-konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni u mad-Direttiva (UE) 2014/65 u mar-Regolamenti (UE) 648/2012 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**³¹ u 600/2014 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**³², l-operaturi tas-suq **jistgħu**[.../ jiżviluppaw prodotti ta' ħħeġġjar forward, inkluż prodotti ta' ħħeġġjar forward fit-tul, biex jipprovdu lill-parteciċpanti fis-suq, inkluż is-sidien ta' faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija li jużaw sorsi tal-enerġija rinnovabbli, b'possibbiltajiet xierqa għall-iħħeġġjar tar-riskji finanzjarji kontra l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet. L-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu li din l-attività ta' ħħeġġjar tista' tkun limitata għal negozjar fi Stat Membru jew żona tal-offerti.

³⁰ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

³¹ Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

³² Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84)

(7) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

[a] il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-metodoloġiji tat-tariffi għandhom jirriflettu l-kostijiet fissi tal-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u tal-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni u għandhom iqisu kemm in-nefqa kapitali kif ukoll in-nefqa operazzjonali biex jipprovdu inċentivi xierqa lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u lill-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni kemm fl-immedjat kif ukoll fit-tul, inkluż investimenti antiċipatorji, sabiex jiżiedu l-effiċjenzi, inkluż l-effiċjenza enerġetika, biex titrawwem l-integrazzjoni tas-suq, **l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli** u s-sigurtà tal-provvista, biex jiġi appoġġat l-użu ta' servizzi ta' flessibilità, investimenti effiċjenti **u f'waqthom**, inkluż soluzzjonijiet biex tiġi ottimizzata l-grilja eżistenti u tiġi ffaċilitata **l-flessibilità mhux fossili, inkluż** ir-rispons tad-domanda u **l-ħżin tal-enerġija**, attivitajiet ta' riċerka relatati, u biex tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni fl-interess tal-konsumaturi foqasma bħad-diġitalizzazzjoni, is-servizzi ta' flessibilità u l-interkonnessjoni";

[b] il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-metodoloġiji tat-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni għandhom jipprovdu inċentivi lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni għall-aktar operazzjoni kosteffiċjenti u għall-iżvilupp tan-networks tagħhom inkluż permezz tal-akkwist ta' servizzi. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jirrikonoxxu l-kostijiet rilevanti bħala eliġibbli, għandhom jinkludu dawk il-kostijiet fit-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, u għandhom, **fejn ikun xieraq**, jintroduċu miri ta' prestazzjoni sabiex jipprovdu inċentivi lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni biex iżidu l-effiċjenzi fin-networks tagħhom, inkluż permezz tal-effiċjenza enerġetika, l-użu ta' servizzi ta' flessibilità u l-iżvilupp ta' grilji intelliġenti u sistemi ta' metraġġ intelliġenti."

[c] fil-paragrafu 9, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) metodi biex tiġi żgurata t-trasparenza fl-istabbiliment u fl-istruttura tat-tariffi, inkluż investimenti antiċipatorji;"

[d] fil-paragrafu 9, jiżdied il-punt[...] li ġej:

"(i) inċentivi għal investimenti effiċjenti fin-networks, inkluż dwar ir-riżorsi ta' flessibbiltà u ftehimiet ta' konnessjoni flessibbli."

[8] fl-Artikolu 19, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

[a] il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) iż-żamma jew iż-żieda tal-kapaċitajiet transżonali permezz tal-ottimizzazzjoni tal-użu tal-interkonnetturi eżistenti permezz ta' azzjonijiet ta' rimedju kkoordinati, fejn applikabbli, jew il-kopertura tal-kostijiet li jirriżultaw mill-investimenti fin-network li huma rilevanti biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi; jew"

[b] jiżdied il-punt [...] li ġej:

"(c) l-għoti ta' kumpens lill-operaturi ta' impjanti ta' ġenerazzjoni ta' **elettriku rinnovabbli** lil hinn mill-kosta f'żona tal-offerti lil hinn mill-kosta **direttament konnessi ma' żewġ [...] żoni tal-offerti jew aktar** jekk l-aċċess għal swieq interkonnessi jkun tnaqqas b'mod li[...] **jirriżulta li l-operatur tal-impjanti ta' elettriku lil hinn mill-kosta ma jkunx jista' jesporta l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku tiegħu lejn is-suq, u fejn rilevanti, tnaqqis korrispondenti fil-prezz fiż-żona tal-offerti lil hinn mill-kosta, meta mqabbel ma' dak mingħajr tnaqqis fil-kapaċità. Il-kumpens japplika meta** operatur wieħed jew aktar tas-sistema ta' trażmissjoni ma jkunux għamlu **disponibbli[...]** l-kapaċità **miftiehma fil-ftehim ta' konnessjoni[...]** dwar l-interkonnettur jew **ma jkunux għamlu disponibbli l-kapaċità fuq l-elementi kritiċi tan-network skont ir-regoli tal-kalkolu tal-kapaċità fl-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) 2019/943[...]**. Fuq bażi annwali, dan il-kumpens ma għandux jaqbeż l-introjt totali mill-konġestjoni ġġenerat fuq interkonnetturi bejn [...]iż-żoni tal-offerti kkonċernati[...]."

[9] Jiddaħħal il-kapitolu [...] li ġej:

Kapitolu IIIa

Inċentivi speċifiċi ta' investiment biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni

Artikolu 19a

Ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija

1. **Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2018/2001**, l-Istati Membri għandhom [...] **jippromwovu l-użu ta' ftehimiet** dwar ix-xiri tal-enerġija ("PPAs"), **inkluż billi jneħħu ostakli mhux ġustifikati u proċeduri jew imposti sproporzjonati jew diskriminatorji**, bil-ħsieb li **jipprovdu prevedibbiltà tal-prezz u** [...] li jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima fir-rigward [...] tad-**dimensjoni** ta' dekarbonizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2018/1999, filwaqt li jippreservaw swieq tal-elettriku kompetittivi u likwidi.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrumenti [...] li jnaqqsu r-riskji finanzjarji assoċjati ma' inadempjenza ta' ħlas off-taker tal-PPAs ikunu fis-seħħ u aċċessibbli għall-klijenti li jiffaċċjaw xkiel għad-dħul fis-suq tal-PPAs u ma jkunux f'diffikultà finanzjarja [...]. **Tali strumenti jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, skemi ta' garanzija sostnuti mill-Istat bi prezzijiet tas-suq, garanziji privati, jew faċilitajiet li jiġbru flimkien id-domanda għall-PPAs, f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni.** Għal dan il-għan, l-Istati Membri **jistgħu** [...] jqisu l-**faċilitajiet** [...] **rilevanti** fil-livell tal-Unjoni. L-Istati Membri **jistgħu** [...] jiddeterminaw liema kategoriji ta' klijenti huma fil-mira ta' dawn l-istrumenti, bl-applikazzjoni ta' kriterji nondiskriminatorji.

3. **Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE, [...]**jekk[...] skema[...] ta' garanzija għall-PPAs **tkun** appoġġati mill-Istat Membru[...], **din** għandha tinkludi dispożizzjonijiet biex jiġi evitat it-tnaqqis tal-likwidità fis-swieq tal-elettriku u m'għandhiex tipprovdi appoġġ għax-xiri ta' ġenerazzjoni mill-fjuwils fossili.
4. [...] [...] **S**[...]kemi ta' appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli [...] għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni ta' proġetti li jirriżervaw parti mill-elettriku għall-bejgħ permezz ta' PPA jew arranġamenti oħra bbażati fuq is-suq.
5. **Fit-tfassil ta' tali skemi ta' appoġġ l-Istati Membri [...]** għandhom jagħmlu hilitom biex jagħmlu użu minn kriterji ta' evalwazzjoni biex jinċentivaw lill-**offerenti biex jiffaċilitaw l-aċċess [...]** tal-klijenti [...] li jiffaċċjaw ostakli għad-dħul **fis-suq tal-PPA, dment li dan ma jaffettwax b'mod negattiv il-kompetizzjoni fis-suq.** B'mod partikolari, dawn il-kriterji ta' evalwazzjoni jistgħu jagħtu preferenza lill-offerenti li jippreżentaw PPA ffirmat jew impenn li jiffirmaw PPA għal parti mill-ġenerazzjoni tal-proġett minn xerrej potenzjali wieħed jew aktar li jiffaċċjaw ostakli għad-dħul fis-suq tal-PPAs.
- 6[...]. Il-PPAs għandhom jispeċifikaw iż-żona tal-offerti tal-konsenja u r-responsabbiltà għall-iżgurar tad-drittijiet tat-trażmissjoni transżonali f'każ ta' bidla fiż-żona tal-offerti f'konformità mal-Artikolu 14.
- 7[...]. Il-PPAs għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li taħthom il-klijenti u l-produtturi jistgħu joħorġu mill-PPAs, bħal kwalunkwe tariffa ta' ħruġ applikabbli u perjodi ta' avviż, **f'konformità**[...] mad-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni.

Skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet għal [...] investimenti f'ġenerazzjoni **ġdida**

- 1.** [...]Skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet għal[...] investimenti **f'faċilitajiet ġodda tal-ġenerazzjoni tal-enerġija** għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mis-sorsi elenkati fil-paragrafu 2 għandhom jieħdu l-forma ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenzi. [...]

[...]/.../.../.../

L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal kuntratti taħt skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet għal [...] investimenti f'ġenerazzjoni **ġdida** konklużi minn tliet/.../ snin wara [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Għal proġetti ta' assi ibridi lil hinn mill-kosta konnessi ma' żewġ żoni tal-offerti jew aktar, il-perjodu tranżitorju għandu jkun ta' ħames snin wara [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-parteċipazzjoni ta' parteċipanti fis-suq fi skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet fil-forma ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza għandhom ikunu volontarji.

1a. Skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet fil-forma ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza għandhom ikunu mfassla biex:

- a. iżommu l-inċentivi biex il-faċilità tal-ġenerazzjoni topera u tipparteċipa b'mod effiċjenti fis-swieq tal-elettriku, b'mod partikolari biex [...] ikunu riflessi ċ-ċirkostanzi tas-suq.**
- b. Jipprevjenu kwalunkwe effett distorsiv tal-iskema ta' appoġġ fuq id-deċiżjonijiet dwar it-tħaddim, id-dispaċċ u l-manutenzjoni tal-faċilità tal-ġenerazzjoni jew fuq l-imġiba meta jsiru l-offerti fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem, tal-istess ġurnata, tas-servizzi anċillari u tal-ibbilanċjar;**
- c. jiżguraw li l-livell tal-protezzjoni minima tar-remunerazzjoni u tal-limitazzjoni 'l fuq għar-remunerazzjoni eċċessiva jkunu allinjati mal-kost tal-investment il-ġdid, id-dħul tas-suq, u jggarantixxu l-vijabbiltà ekonomika fit-tul tal-faċilità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija filwaqt li jiġi evitat kumpens eċċessiv;**
- d. jevitaw distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-suq intern, b'mod partikolari billi jiddeterminaw l-ammonti tar-remunerazzjoni permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti li jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju.**
- e. Jevitaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-suq intern li jirriżultaw mid-distribuzzjoni tad-dħul lill-impriżi.**

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal [...] investimenti f'ġenerazzjoni ġdida tal-elettriku mis-sorsi li ġejjin:

- (a) l-enerġija eolika;**
- (b) l-enerġija solari;**

- (c) l-enerġija ġeotermali;
- (d) l-idroelettriku mingħajr riżerva;
- (e) l-enerġija nukleari;

3. **Id-dħul, jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju ta' dak id-dħul, li jirriżulta minn**
[.../skemi **diretti** ta' appoġġ għall-prezzijiet fil-forma ta' kuntratti bidirezzjonali għad-
differenza **msemmija fil-paragrafu 1** għandu[.../

[.../jiġi distribwit lill-klijenti finali.[...]

**Minkejja r-rekwiżit fl-ewwel subparagrafu, id-dħul, jew l-ekwivalenti fil-valur
finanzjarju ta' dak id-dħul, jista' jintuża wkoll biex jiffinanzja l-kostijiet tal-iskemi
diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet jew l-investimenti biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-elettriku
għall-klijenti finali[...]**

[...]

[...]I[...]d-distribuzzjoni [...]tad-dħul lill-klijenti[...] finali tal-elettriku **għandha tkun** [...] imfassla [...] b'tali mod li **jinżammu** [...]l-inċentivi [...]biex inaqqsu l-konsum tagħhom jew iċaqilquh għal perjodi meta l-prezzijiet tal-elettriku jkunu baxxi u ma jfixklux il-kompetizzjoni bejn il-fornituri tal-elettriku.[...]

4. **F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira u proġetti ta' dimostrazzjoni mill-obbligu skont il-paragrafu 1.**

Valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' flessibbiltà

1. **[...]Mhux aktar tard minn sena wara l-approvazzjoni mill-ACER tal-metodoloġija skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, u kull sentejn wara, l-awtorità regolatorja, [...] jew awtorità jew entità oħra maħtura minn Stat Membru, għandha [...] tadotta rapport dwar il-ħtieġa għal flessibbiltà tas-sistema [...]għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin, fid-dawl tal-ħtieġa biex tinkiseb b'mod kosteffettiv is-sigurtà tal-provvista u tiġi dekarbonizzata [...]s-sistema tal-elettriku, waqt li jitqiesu l-integrazzjoni tas-setturi differenti, u n-natura interkonnessa tas-suq tal-elettriku. Ir-rapport għandu[...] jqis il-Valutazzjoni Ewropea tal-Adegwatezza tar-Riżorsi u l-valutazzjonijiet tal-adeqwatezza nazzjonali skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament [...]. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq id-data u l-analiżijiet ipprovduti mill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni ta' dak l-Istat Membru skont il-paragrafu 3[...] u bl-użu tal-metodoloġija skont il-paragrafu 4[...] u, meta debitament ġustifikat, data u analiżi addizzjonali. Fejn l-Istat Membru jkun ħatar operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għal dan l-għan, l-awtorità regolatorja għandha tapprova jew temenda r-rapport.**
2. Ir-rapport għandu **tal-anqas:**
 - (a) [...] jevalwa [...] l-ħtieġa għal flessibbiltà [...], **mill-inqas fuq bażi staġjonali, ta' kuljum u fis-siegħa**, biex l-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli jiġi integrat fis-sistema tal-elettriku;

- (b) [...]jikkunsidra[...]l-potenzjal ta' **riżorsi** ta' flessibbiltà mhux fossili bħar-rispons għad-domanda[...] u l-ħżin tal-**enerġija, inkluż l-aggregazzjoni u [...] l-interkonnessjoni**, biex tiġi ssodisfata din il-ħtieġa, kemm fil-livell tat-trażmissjoni kif ukoll f'dak tad-distribuzzjoni; [...]
- (c) **jevalwa l-ostakli għall-flessibbiltà fis-suq u jipproponi miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti/.../; u**
- (d) **iqis il-flessibbiltà li hija mistennija li tkun disponibbli fi Stati Membri oħra.**
3. L-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni ta' kull Stat Membru għandhom jipprovdu lill-awtorità regolatorja, id-data u l-analiżijiet meħtieġa għat-tħejjija tar-rapport lill-awtorità regolatorja msemmi fil-paragrafu 1, **jew fejn rilevanti, lill-awtorità jew l-entità maħtura fil-paragrafu 1. Jekk ikun debitament ġustifikat, [.../ l-awtorità regolatorja jew, fejn ikun rilevanti, l-awtorità jew l-entità maħtura fil-paragrafu 1, tista' titlob lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni biex jipprovdu input addizzjonali għar-rapport, lil hinn mir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 4.**
4. L-ENTSO tal-Elettriku u l-entità tad-DSO tal-UE għandhom jikkoordinaw l-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni fir-rigward tad-data u l-analiżijiet li għandhom jiġu pprovdu f'konformità mal-paragrafu 2. B'mod partikolari, huma għandhom:
- (a) jiddefinixxu t-tip **u l-format** tad-data[...] li l-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet regolatorji;
- (b) jiżviluppaw metodoloġija għall-analiżi mill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-ħtiġijiet ta' flessibbiltà, filwaqt li jqisu tal-anqas is-sorsi [...]kollha **disponibbli [.../ u l-investimenti ppjanati [...] fl-interkonnessjoni u l-flessibbiltà [...]**fil-livell ta' trażmissjoni u distribuzzjoni kif ukoll il-ħtieġa li s-sistema tal-elettriku tiġi dekarbonizzata.

5. L-ENTSO tal-Elettriku u l-entità tad-DSO tal-UE għandhom jikkooperaw mill-qrib fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni.
6. [...] [...]Sa [...]disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ [...] ta' dan ir-Regolament[/...], l-ENTSO tal-Elettriku u l-entità tad-DSO tal-UE għandhom jippreżentaw konguntemment lill-ACER proposta dwar it-tip ta' data u format li għandhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet regolatorji u l-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 4[/...]. Fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-proposta, l-ACER għandha jew tapprova l-proposta jew temendaha. Fil-każ tal-aħħar, l-ACER għandha tikkonsulta lill-ENTSO tal-Elettriku u lill-entità tad-DSO tal-UE qabel ma tadotta l-emendi. Il-proposta adottata għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-ACER.
7. L-awtoritajiet regolatorji [...] jew, **fejn rilevanti, l-awtorità jew l-entità maħtura fil-paragrafu 1**, għandhom jissottomettu r-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 lill-ACER u jippubblikawhom. Fi żmien 12-il xahar minn meta tirċievi r-rapporti, l-ACER għandha toħroġ rapport fejn tanalizzahom u tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' rilevanza transfruntiera rigward is-sejbiet tal-awtoritajiet regolatorji [...] jew, **fejn rilevanti, l-awtorità jew l-entità maħtura fil-paragrafu 1, inkluż rakkomandazzjonijiet dwar it-tneħħija ta' ostakli għad-dħul ta' riżorsi ta' flessibbiltà mhux fossili.**

Artikolu 19d

Objettiv nazzjonali indikattiv għall-**flessibbiltà mhux fossili** [...]

[...] **Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 19c(1) ta' dan ir-Regolament**, kull Stat Membru għandu jiddefinixxi, **abbażi ta' dan ir-rapport**, objettiv nazzjonali indikattiv **għall-flessibbiltà mhux fossili, b'mod partikolari [...]** r-rispons [...] tad-domanda u l-ħżin tal-enerġija. **L-Istati Membri jistgħu jilhqqu din il-mira billi jneħħu ostakli għas-suq identifikati jew jirrealizzaw il-potenzjal identifikat ta' riżorsi ta' flessibbiltà mhux fossili.** Dan l-objettiv nazzjonali indikattiv għandu jiġi rifless ukoll fil-pjanijiet nazzjonali integrati tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima fir-rigward tad-dimensjoni "Suq Intern tal-Enerġija" f'konformità mal-Artikoli 3, 4 u 7 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u fir-rapporti ta' progress biennali integrati tagħhom f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999. **L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu objettivi indikattivi proviżorji qabel l-ewwel preżentazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 19c(1) ta' dan ir-Regolament.**

Artikolu 19e

Skemi ta' appoġġ għall-**flessibbiltà** [...] **mhux fossili**

1. **Meta [...] l-investimenti fil-flessibbiltà mhux fossili jkunu/.../ insuffiċjenti biex jinkiseb l-objettiv nazzjonali indikattiv [...] jew, fejn ikun rilevanti, l-objettivi indikattivi proviżorji, identifikati f'konformità mal-Artikolu 19d, l-Istati Membri jistgħu [...] japplikaw skemi ta' appoġġ għall-flessibbiltà mhux fossili li jikkonsistu f'pagamenti għall-kapaċità disponibbli ta' flessibbiltà mhux fossili mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 12 u 13[...].**

2.[...]

3[...]

4[...]

2. **Il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw miżuri skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludihom milli jindirizzaw il-miri indikattivi tagħhom identifikati fl-Artikolu 19d b'mezzi oħra.**

Artikolu 19f

Prinċipji ta' disinn għal skemi ta' appoġġ għall-flessibbiltà **mhux fossili**

Skemi ta' appoġġ għall-flessibbiltà [...] **mhux fossili** [...] applikati mill-Istati membri f'konformità mal-Artikolu 19e(1[...])[...] għandhom:

- (a) ma jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex [...] **jinkiseb l-oġettiv nazzjonali indikattiv, jew fejn rilevanti l-oġettiv indikattiv proviżorju, identifikat f'konformità mal-Artikolu 19d b'mod kosteffettiv;**

- (b) ikunu limitati għal investimenti ġodda f'**riżorsi** flessibbiltà mhux fossili bħar-rispons [...]/tad-domanda u l-ħżin tal-**enerġija**;
- (c) [...]/ma jimplikawx ġenerazzjoni inizjali bbażata fuq il-fjuwils fossili li tinsab wara l-punt ta' metraġġ;
- (d) jagħżlu l-fornituri tal-kapaċità permezz ta' proċess miftuħ, trasparenti, kompetittiv, nondiskriminatorju u kosteffettiv;
- (e) jipprevjenu distorsjonijiet bla bżonn għall-funzjonament effiċjenti tas-swieg tal-elettriku inkluż il-preservazzjoni ta' inċentivi operatorji effiċjenti u sinjali tal-prezzijiet u l-iskopertura għall-varjazzjoni fil-prezzijiet u għar-riskju tas-suq;
- (f) jipprovdu inċentivi għall-integrazzjoni fis-suq tal-elettriku b'mod ibbażat fuq is-suq u b'mod li jirrispondi għas-suq, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn tas-swieg tal-elettriku kif ukoll jitqiesu l-kostijiet possibbli tal-integrazzjoni tas-sistema u l-istabbiltà tal-grilja;
- (g) jistabbilixxu livell minimu ta' parteċipazzjoni fis-suq f'termini ta' enerġija attivata, li jqis l-ispeċifikitajiet tekniċi tal-ħżin u r-rispons għad-domanda tal-**ass li jwassal il-flessibbiltà**[...];
- (h) japplikaw penali xierqa għall-fornituri tal-kapaċità li ma jirrispettawx il-livell minimu ta' parteċipazzjoni fis-suq imsemmi fil-punt (g), jew li ma jseguw inċentivi ta' operat u sinjali tal-prezz[...] effiċjenti **imsemmi fil-punt (e)**;

[...];

(9a) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

[a] il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. L-Istati Membri jistgħu, filwaqt li jimplimentaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 20(3) ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 107, 108 u 109 TFUE, jintroduċu mekkaniżmi ta' kapaċità.

[b] il-paragrafu 7 huwa mħassar.

[c] Il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

8. Il-mekkaniżmi ta' kapaċità għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni għal mhux aktar minn 10 snin. L-ammont tal-kapaċitajiet impenjati għandu jitnaqqas abbażi tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 20. L-Istati Membri għandhom ikomplu japplikaw il-pjan ta' implimentazzjoni wara l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' kapaċità.

(9b) Fl-Artikolu 22(1), il-punt (a) huwa mħassar.

(10) fl-Artikolu 37 (1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a), it-twettiq tal-kalkolu tal-kapaċità koordinata f'konformità mal-metodoloġiji żviluppati skont il-linja gwida għall-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità, il-linja gwida għall-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni u l-linja gwida għall-ibbilanċjar tal-elettriku adottata abbażi tal-Artikolu 18(5) tar-Regolament (KE) Nru 714/2009;"

(11) l-Artikolu 50 huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdied il-paragrafu [...] li ġej:

"4a. L-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw b'mod ċar u trasparenti, informazzjoni dwar il-kapaċità disponibbli għal konnessjonijiet ġodda fiż-żoni tal-operat rispettivi tagħhom, inkluż f'żoni b'konġestjoni jekk ikunu jistgħu jiġu akkomodati konnessjonijiet flessibbli tal-ħżin tal-enerġija, u jaġġornaw dik l-informazzjoni regolarment, mill-anqas kull trimestru. L-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni ċara u trasparenti lill-utenti tas-sistema dwar l-istatus u t-trattament tat-talbiet ta' konnessjoni tagħhom. Huma għandhom jipprovdu din l-informazzjoni fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tat-talba";

(12) fl-Artikolu 57, jiżdied il-paragrafu [...] li ġej:

"3. L-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni u l-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-kapaċità disponibbli għal konnessjonijiet ġodda fiż-żoni tal-operat rispettivi tagħhom b'mod konsistenti u fl-għoti ta' viżibbiltà granulari suffiċjenti lill-iżviluppaturi ta' proġetti ġodda tal-enerġija u lil utenti potenzjali oħrajn tan-network."

(13) fl-Artikolu 59 (1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b), l-allokazzjoni tal-kapaċità u r-regoli dwar il-ġestjoni tal-konġestjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikoli 7 sa 10, 13 sa 17, 19 u 35 sa 37 ta' dan ir-Regolament, inkluż regoli dwar il-metodoloġiji u l-proċessi tal-kalkolu tal-kapaċità ta' ġurnata bil-quddiem, tal-istess ġurnata u bil-quddiem, il-mudelli tal-grilja, il-konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti, ir-ridispaċċ u l-iskambju kompensatorju, l-algoritmi ta' negozjar, l-akkoppjament singolu ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata inkluż il-possibbiltà li jiġi operat minn entità waħda, is-sodezza tal-kapaċità transżonali allokata, id-distribuzzjoni tal-introjt mill-konġestjoni, **iċ-ċentri virtwali reġjonali għas-suq forward, l-allokazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ** [...] tad-drittijiet ta' trażmissjoni fuq terminu twil finanzjarji mill-pjattaforma unika ta' allokazzjoni, l-iħħeġġjar tar-riskju tat-trażmissjoni transżonali, il-proċeduri tan-nomina, u l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-irkupru tal-kostijiet tal-ġestjoni;"

(13a) fl-Artikolu 64, jiżdied il-paragrafu li ġej:

2a. B'deroga mill-Artikolu 6(9), (10) u (11), l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, jistgħu jikkonkludu kuntratti finanzjarji għall-kapaċità tal-ibbilanċjar sa ħames snin qabel il-bidu tal-forniment tal-kapaċità tal-ibbilanċjar. It-tul ta' żmien ta' tali kuntratti ma għandux jestendi lil hinn minn tmien snin wara li l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jkunu ssieħbu fiż-żona sinkronika tal-Ewropa kontinentali.

Ir-regolaturi nazzjonali tal-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jistgħu jippermettu lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni domestiċi tagħhom jallokaw kapaċità transżonali fuq proċess ibbażat fuq is-suq kif deskritt fl-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195, mingħajr limitazzjonijiet fil-volum sa sitt xhur wara l-mument meta l-proċess koottimizzat tal-allokkazzjoni jiġi implimentat u operazzjonali b'mod sħiħ skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 38 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195.

(13ab) Fl-Artikolu 64, jiddaħħal il-paragrafu li ġej.

2c. B'deroga mill-Artikolu 22(4)(b), l-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-kapaċità ta' ġenerazzjoni li l-produzzjoni kummerċjali tagħha tkun bdiet qabel l-4 ta' Lulju 2019 u li tarmi aktar minn 550 g ta' CO₂ li joriġina mill-fjuwils fossili għal kull kWh ta' elettriku, soġġett għall-konformità mal-Artikoli 107 u 108 TFUE, tista' b'mod eċċezzjonali tiġi impenjata jew tirċievi pagamenti jew impenji għal pagamenti futuri taħt mekkaniżmu ta' kapaċità approvat mill-Kummissjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tat-talba f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u, soġġett għall-konformità mal-Artikoli 107 u 108 TFUE, tista' tagħti l-awtorizzazzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/943, l-Istat Membru jkun wettaq proċess kompetittiv ta' offerti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 li jkollu l-għan li jimmassimizza l-parteċipazzjoni tal-fornituri tal-kapaċità li jissodisfaw ir-rekwiżiti fl-Artikolu 22(4), fejn il-perjodu kuntrattwali jkopri mill-inqas sal-31 ta' Diċembru 2028;

(b) l-ammont ta' kapaċità offrut fil-proċess kompetittiv ta' offerti msemmi fl-ittra a) ma jkunx biżżejjed biex jindirizza t-tħassib dwar l-adegwatezza kif identifikat skont l-Artikolu 20(1) għall-perjodu kuntrattwali kopert minn dak il-proċess ta' offerti;

(c) il-kapaċità ta' ġenerazzjoni li tarmi aktar minn 550 g ta' CO₂ li joriġina mill-fjuwils fossili għal kull kWh ta' elettriku tkun impenjata jew tirċievi pagamenti jew impenji għal pagamenti futuri għal perjodu li ma jaqbiżx sena u tiġi akkwistata permezz ta' proċess ta' akkwist addizzjonali li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha fl-Artikolu 22, għajr dawk stabbiliti fil-punt (b) tal-paragrafu 4 u esklużivament għall-ammont ta' kapaċità meħtieġ biex jissolva t-tħassib dwar l-adegwatezza identifikat fl-ittra b).

Id-deroga skont dan il-paragrafu tista' tiġi applikata sal-31 ta' Diċembru 2028.

(/...//...//.../

(13b) Fl-Artikolu 69, jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:

1a) /.../ Mhux aktar tard minn xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dettaljat li jivvaluta l-possibbiltajiet ta' razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-proċess biex jiġi applikat mekkaniżmu ta' kapaċità skont/.../ il-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament, sabiex ikun żgurat li t-tħassib dwar l-adeqwatezza jkun jista' jiġi indirizzat mill-Istati Membri fil-ħin opportun. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni għandha titlob li l-Aġenzija temenda l-metodoloġija għall-valutazzjoni Ewropea tal-adeqwatezza tar-riżorsi msemmija fl-Artikolu 23 f'konformità mal-proċess stipulat fl-Artikoli 23 u 27, kif xieraq.

/.../Mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Istati Membri, tressaq proposti bil-ħsieb li tissimplifika l-proċess [...]tal-valutazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kapaċità skont il-ħtieġa.

(14) Jiddaħħal l-Artikolu [...] li ġej:

Artikolu 69a

Interazzjoni mal-leġislazzjoni finanzjarja tal-Unjoni

Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jidderoga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2014/65, ir-Regolament (UE) 648/2012 u r-Regolament (UE) 600/2014 meta parteċipanti fis-suq jew operatori tas-suq jidħlu f'attivitajiet relatati ma' strumenti finanzjarji partikolarment kif definiti skont l-Artikolu 4(1), **il-punt (15)**, [...] tad-Direttiva (UE) 2014/65.

(15) fl-Anness I, il-punt 1.2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1.2. Il-kalkolu tal-kapaċità koordinata għandu jsir għall-perjodi ta' żmien kollha tal-allokazzjoni".

Artikolu 2

[L-Artikolu 2 ser jiġi separat minn dan ir-Regolament emendatorju u jsir Direttiva awtonoma biex jemenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 – test imċaqraq għal wara l-Artikolu 5].

Artikolu 3

[L-Artikolu 3 ser jiġi separat minn dan ir-Regolament emendatorju u jsir Direttiva awtonoma biex jemenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 – test imċaqraq għal wara l-Artikolu 5].

Artikolu 4

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/942 [...]

Ir-Regolament (UE) 2019/942 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) tagħti opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass, lill-Entità tal-UE għad-DSO, lill-pjattaforma unika ta' allokazżjoni stabbilita skont ir-Regolament tal-**Kummissjoni** (UE) 2016/1719³³, **lill-entità maħtura għall-ġestjoni tas-suq integrat ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata fejn applikabbli**, liċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali u lill-operaturi nominati tas-suq tal-elettriku [...]

³³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719 tas-26 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazżjoni bil-quddiem tal-kapaċità (ĠU L 259, 27.9.2016, p. 42).

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) toħroġ deċiżjonijiet individwali dwar l-ġhōti ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3(2), l-Artikolu 7(2), il-punt (b), u l-Artikolu 8, il-punt (c); dwar l-approvazzjoni tal-metodoloġiji, it-termini u l-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 5(2), (3) u (4); dwar ir-reviżjonijiet taż-żoni tal-offerti kif imsemmi fl-Artikolu 5(7); dwar kwistjonijiet tekniċi kif imsemmi fl-Artikolu 6(1); dwar l-arbitraġġ bejn ir-regolaturi f'konformità mal-Artikolu 6(10); relatati maċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali kif imsemmi fl-Artikolu 7(2), il-punt (a); dwar l-approvazzjoni u l-emendar ta' metodoloġiji u kalkoli u speċifikazzjonijiet tekniċi kif imsemmi fl-Artikolu 9(1); dwar l-approvazzjoni u l-emendi tal-metodoloġiji kif imsemmi fl-Artikolu 9(3); dwar l-eżenzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 10; dwar l-infrastruttura kif imsemmi fl-Artikolu 11, il-punt (d); dwar kwistjonijiet relatati mal-integrità u t-trasparenza tas-suq bl-ingrossa skont l-Artikolu 12, [...]; u dwar l-approvazzjoni u l-emendar ta' proposti mill-ENTSO għall-elettriku u mill-entità tad-DSO tal-UE relatata mal-metodoloġija dwar id-data u l-analiżi li għandha tiġi pprovduta fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' flessibbiltà skont l-Artikolu 5(10).";

(2) fl-Artikolu 3(2), jiżdied [...] is-subparagrafu li ġej:

"Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għall-pjattaforma unika ta' allokazżjoni stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1719 **u għall-entità ddeżinjata għall-ġestjoni tas-suq integrat ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata fejn applikabbli.**";

(3) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu [...] li ġej:

"9. [...] il-paragrafi 6, 7 u 8 għandhom japplikaw ukoll għall-pjattaforma unika ta' allokkazzjoni stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1719 u għall-entità ddeżinjata għall-ġestjoni tas-suq integrat ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata fejn ikun applikabbli.";

(4) fl-Artikolu 5(8), jiżdied [...] is-subparagrafu li ġej:"[...]

"L-ACER għandha timmonitorja wkoll il-pjattaforma unika ta' allokkazzjoni stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1719 u l-entità ddeżinjata għall-ġestjoni tas-suq integrat ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata fejn applikabbli."

(5)[...]

[...]

(6) [...]fl-Artikolu 5,[...] jiżdied il-paragrafu [...] li ġej:

"10. L-ACER għandha tapprova u, fejn meħtieġ, temenda l-proposta konġunta mill-ENTSO għall-elettriku u mill-entità tad-DSO tal-UE relatata mal-metodoloġija dwar id-data u l-analiżi li għandha tiġi pprovduta fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' flessibbiltà skont l-Artikolu 19c/[...](4/[...]) tar-Regolament (UE) 2019/943."

(6a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 9 huwa emendat kif ġej:

"9. L-ACER għandha tippreżenta opinjonijiet lill-awtorità regolatorja rilevanti u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8(3) u 16(3) tar-Regolament (UE) 2019/943."

(7) fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu [...] li ġej:

"5. L-ACER għandha toħroġ rapport li janalizza l-valutazzjonijiet nazzjonali tal-ħtiġijiet ta' flessibbiltà u li jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' rilevanza transfruntiera rigward is-sejbiet tal-awtoritajiet regolatorji skont l-Artikolu 19c/[...](7/[...]) tar-Regolament (UE) 2019/943."[...]

Artikolu 5
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-[...]**għoxrin**] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Emendi għad-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jitlejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni³⁴[...]

[L-Artikoli 1 u 2 li ġejjin qabel kienu l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament]

Artikolu 1[...]

Emendi għad-Direttiva (UE) 2019/944 [...]

Id-Direttiva (UE) 2019/944 [...]/hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (8) u (49) **huma** [...] sostitwiti b'dan li ġej:

"(8) "klijent attiv" tfisser klijent finali, jew grupp ta' klijenti finali li jaġixxu konguntemment, li jikkunsmaw jew li jaħżnu l-elettriku ġġenerat fil-binjiet tagħhom li jinsab f'konfini limitati jew elettriku awtoġġenerat jew kondiviż fi ħdan bini ieħor li jinsab fl-istess żona tal-offerti, jew li jbigħu elettriku awtoġġenerat jew li jipparteċipaw fi skemi ta' flessibbiltà jew ta' effiċjenza fl-enerġija, dment li daww l-attivitajiet ma jikkostitwux l-attività kummerċjali jew professjonali primarja tagħhom.";

³⁴Premessi x'jiżdiedu.

"(49) "servizz anċillari mhux tal-frekwenza" tfisser servizz użat minn operatur ta' sistema ta' trażmissjoni jew operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni għall-kontroll tal-vultaġġ fi stat stabbli, għall-injezzjonijiet rapidi ta' kurrent reattiv, għall-inerzja għall-istabbiltà tal-grilja lokali, għall-kurrent ta' ċirkwit kort, għall-kapaċità ta' startjar minn mitfi totali, għall-kapaċità ta' operat ta' network iżolat u għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda;"

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

(15a) "kuntratt għall-provvista tal-elettriku b'terminu fiss u bi prezz fiss" tfisser kuntratt għall-provvista tal-elettriku bejn fornitur u klijent finali li jiggarantixxi l-istess kundizzjonijiet kuntrattwali, inkluż il-prezz, **matul id-durata kollha tal-kuntratt**, filwaqt li jista', fi prezz fiss, jinkludi element flessibbli, pereżempju, b'varjazzjonijiet fil-prezz fis-sigħat ta' quċċata u barra s-sigħat ta' quċċata;

(10a) "kondiviżjoni tal-enerġija" tfisser l-awtokonsum minn klijenti attivi tal-enerġija rinnovabbli jew:

- (a) iġġenerat jew maħżun mhux fuq is-sit jew fuq siti bejniethom minn faċilità li huma s-sidien tagħha, li għandhom ftehim ta' lokazzjoni fuqha, li jikru kompletament jew parzjalment; jew
- (b) id-dritt li ġie ttrasferit lilhom minn klijent attiv ieħorkemm jekk mingħajr ħlas kif ukoll jekk bi ħlas.

(10b)[...]

(24a) "fornitur tal-aħħar istanza" tfisser fornitur li huwa deżinjat [...] biex jieħu fidejha il-provvista tal-elettriku lil klijenti ta' fornitur li ma għadux jopera;

(2) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Għażla libera tal-fornitur

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti kollha jkunu liberi li jixtru l-elettriku mill-fornitur tal-għażla tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti kollha jkunu liberi li jkollhom aktar minn kuntratt għall-provvista tal-elettriku wieħed fl-istess waqt, u li għal dan il-għan il-klijenti jkunu intitolati li jkollhom aktar minn punt wieħed ta' metraġġ u ta' kontijiet koperti mill-punt uniku ta' konnessjoni għall-binjiet tagħhom."

(3) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Intitolament għal kuntratt għal terminu fiss, bi prezz fiss u bi prezzijiet tal-elettriku dinamiċi";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas regolatorju nazzjonali jippermetti lill-fornituri joffru kuntratti għal terminu fiss u bi prezz fiss u kuntratti bi prezzijiet tal-elettriku dinamiċi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali li jkollhom arloġġ intelliġenti installat ikunu jistgħu jitolbu li jikkonkludu kuntratt bi prezzijiet tal-elettriku dinamiċi u li l-klijenti finali kollha jkunu jistgħu jitolbu li jikkonkludu kuntratt tal-prezz tal-elettriku b'terminu fiss u bi prezz fiss ta' durata ta' mill-anqas sena waħda, ma' mill-anqas fornitur wieħed u ma' kull fornitur li jkollu aktar minn 200 000 klijent finali.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw fornitur b'aktar minn 200 000 klijent finali mill-obbligu li joffri kuntratti bi prezz fiss għal terminu fiss jekk dak il-fornitur joffri biss kuntratti bi prezz dinamiku u l-eżenzjoni ma jkollhiex impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni jew għażla suffiċjenti ta' kuntratt għal terminu fiss u bi prezzijiet fissi għall-klijenti.

(c) jiddaħħal il-paragrafu [...] li ġej:

"1a. Qabel il-konklużjoni jew l-estensjoni ta' kwalunkwe kuntratt, il-klijenti finali għandhom jiġu pprovduti b'sommarju tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin b'mod prominenti u b'lingwaġġ konċiż u sempliċi. Dan is-sommarju għandu jinkludi mill-inqas informazzjoni dwar il-prezz totali **u d-diżaggregazzjoni tiegħu**, il-promozzjonijiet, is-servizzi addizzjonali u [...] l-iskontijiet u [...] **għandu jistipula** d-drittijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (d), (e) u (f) tal-Artikolu 10(3). Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi gwida f'dan ir-rigward.

(d) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jkunu informati bis-sħiħ mill-fornituri dwar l-opportunitajiet, il-kostijiet u r-riskji **tat-tipi rispettivi ta'** kuntratti [...] tal-elettriku [...] , u għandhom jiżguraw li l-fornituri jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni lill-klijenti finali kif xieraq, inkluż fir-rigward tal-ħtieġa li jiġi installat miter tal-elettriku adegwat. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jimmonitorjaw l-iżviluppi tas-suq u jivvalutaw ir-riskji li l-prodotti u s-servizzi l-ġodda jistgħu jinvolvu u jittrattaw Prattiki abbużivi."

(4) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 15a"

Id-dritt għall-kondiviżjoni tal-enerġija

1. L-unitajiet domestiċi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-korpi pubbliċi kollha **għandu** jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fil-kondiviżjoni tal-enerġija bħala klijenti attivi.
2. [...] Il-klijenti attivi għandhom ikunu intitolati li jikkondividu l-enerġija rinnovabbli bejniethom abbażi ta' ftehimiet privati jew permezz ta' entità ġuridika.

3. [...] Il-klijenti attivi jistgħu jużaw parti terza li jkollha s-sjieda jew tiġġestixxi l-installazzjoni, l-operazzjoni, inkluż il-metraġġ u l-manutenzjoni ta' faċilità tal-ħżin jew tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli bl-għan li tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-enerġija, mingħajr ma dik il-parti terza titqies bħala klijent attiv.
- 4.[.../ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti attivi li jipparteċipaw fil-kondiviżjoni tal-enerġija:
- (a/[.../ ikunu intitolati li jkollhom l-elettriku kondiviż nnettjat bil-konsum totali metrat tagħhom f'intervall ta' żmien mhux aktar mill-perjodu ta' saldu tal-iżbilanċ u mingħajr preġudizzju għat-taxxi, levies u tariffi tan-network applikabbli;
- (b/[.../ jibbenefikaw mid-drittijiet u l-obbligi kollha tal-konsumatur bħala klijenti finali skont din id-Direttiva, ħlief fil-każ ta' kondiviżjoni tal-enerġija bejn unitajiet domestiċi b'kapaċità installata sa 10.8 kW **għal unitajiet domestiċi uniċi [kif speċifikat fid-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli 2021/557]** u sa 50 kW għal blokko b'appartamenti multipli **[kif speċifikat fid-Direttiva riformulata dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija 2021/802][.../ [.../;**
- (c/[.../ ikollhom aċċess għal kuntratti mudell b'termini u kundizzjonijiet ġusti u trasparenti għal ftehimiet ta' [...] **kondiviżjoni tal-enerġija** bejn l-unitajiet domestiċi, u għal ftehimiet dwar il-lokazzjoni, il-kiri jew investiment f'faċilitajiet ta' ħżin u ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-enerġija; f'każ ta' kunflitti li jirriżultaw minn dawn il-ftehimiet, il-klijenti finali għandu jkollhom aċċess għas-soluzzjoni ta' tilwim barra mill-qorti f'konformità mal-Artikolu 26;

(d[...]) ma jkunux soġġetti għal trattament inġust u diskriminatorju mill-parteċipanti fis-suq jew mill-partijiet responsabbli għall-ibbilanċjar tagħhom;

(e[...]) jiġi informati dwar il-possibbiltà ta' bidliet fiż-żoni tal-offerti f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/943 u dwar il-fatt li d-dritt ta' kondivizzjoni tal-enerġija huwa ristrett għall-istess żona tal-offerti waħda.

5. [...]L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi rilevanti tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni jew korpi deżinjati oħrajn:

(a[...]) jimmonitorjaw, jiġbru, jivvalidaw u jikkomunikaw data dwar il-metraġġ relatata mal-elettriku kondiviż mal-klijenti finali u mal-parteċipanti fis-suq rilevanti mill-anqas kull xahar, u f'konformità mal-Artikolu 23;

(b[...]) jipprovdu punt ta' kuntatt rilevanti biex jirreġistra l-arranġamenti għall-kondivizzjoni tal-enerġija, jirċievi informazzjoni dwar il-punti ta' metraġġ rilevanti, il-bidliet fil-post u fil-parteċipazzjoni, u, fejn applikabbli, jivvalida l-metodi ta' kalkolu b'mod ċar, trasparenti u f'waqtu;

6[...]. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa u nondiskriminatorji biex jiżguraw li unitajiet domestiċi foqra u vulnerabbli fl-enerġija jkunu jistgħu jaċċessaw skemi ta' kondivizzjoni tal-enerġija. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu miżuri ta' appoġġ finanzjarju jew kwota ta' allokkazzjoni tal-produzzjoni.

7. **Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-klijenti li jagħżlu l-fornitur tagħhom skont l-Artikolu 4 għar-regoli nazzjonali applikabbli għall-awtorizzazzjoni tal-fornituri.**

"Artikolu 18a

Ġestjoni tar-riskju mill-fornitur

1. [...]/Awtoritajiet [...]regolatorji, **jew fejn Stat Membru jkun iddeżinja awtorità kompetenti indipendenti alternattiva għal dak l-għan, tali awtoritajiet kompetenti ddeżinjati,** għandhom jiżguraw li l-fornituri jkollhom fis-seħħ u jimplimentaw strateġiji xierqa ta' iħħeġġjar biex jillimitaw ir-riskju ta' bidliet fil-provvista tal-elettriku bl-ingrossa għall-vijabbiltà ekonomika tal-kuntratti tagħhom mal-klijenti, filwaqt li jżommu l-likwidità u s-sinjali tal-prezzijiet minn swieq fuq terminu qasir.
2. L-istrateġiji għall-iħħeġġjar tal-fornituri jistgħu jinkludu l-użu ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija. Fejn jeżistu swieq żviluppati biżżejjed għall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija li jippermettu kompetizzjoni effettiva, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li sehem mill-esponiment għar-riskju tal-fornituri għall-bidliet fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa jkun kopert bl-użu ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija għall-elettriku ġġenerat minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli li jaqblu mad-durata tal-iskopertura għar-riskju tagħhom min-naħa tal-konsumatur, soġġett għall-konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni.
3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jiżguraw l-aċċessibbiltà tal-prodotti għall-iħħeġġjar għall-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini u għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli."

(5) jiddaħħlu l-Artikoli [...] li ġejjin:

"Artikolu 27a

Fornitur tal-aħħar istanza

1. L-Istati Membri għandhom **jimplimentaw reġim ta' fornitur tal-aħħar istanza biex jiżguraw il-kontinwità tal-provvista** [...] tal-anqas għall-klijenti domestiċi. Il-fornituri tal-aħħar istanza għandhom jinħatru fi proċedura ġusta, [...] trasparenti u nondiskriminatorja.
2. Il-klijenti finali li jiġu ttrasferiti lill-fornituri tal-aħħar istanza ma għandhomx jitolfu d-drittijiet tagħhom bħala klijenti, partikolarment dawk id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 4, 10, [...] 12, 14, 18 u 26.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-aħħar istanza jikkomunikaw minnufih it-termini u l-kundizzjonijiet lill-klijenti trasferiti u jiżguraw kontinwità bla xkiel tas-servizz għal dawk il-klijenti għal mill-anqas 6 xhur.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jingħataw informazzjoni u inkoraġġiment biex jaqilbu għal offerta bbażata fuq is-suq.
5. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li [...] fornitur tal-aħħar istanza jipprovdi l-elettriku lil klijenti ta' unità domestika li ma jirċevux offerti bbażati fuq is-suq. F'każijiet bħal dawn, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5."

Artikolu 28a

Protezzjoni minn skonnessjonijiet għal klijenti vulnerabbli

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti vulnerabbli jkunu protetti mill-iskonnessjonijiet tal-elettriku. Dan għandu jiġi pprovdut bħala parti mill-kunċett ta' klijenti vulnerabbli skont l-Artikolu 28 (1)/.../ u mingħajr preġudizzju għall-miżuri stipulati fl-Artikolu 10(11).

(6) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti domestiċi kollha, u, fejn l-Istati Membri jqisu xieraq, l-imprezzi ż-żgħar, igawdu servizz universali, jiġifieri d-dritt li jiġu furnuti b'elettriku ta' kwalità speċifikata fit-territorju tagħhom bi prezzijiet kompetittivi, komparabbli faċilment u b'mod ċar, trasparenti u mhux diskriminatorji. Sabiex tiġi żgurata l-provvista ta' servizz universali, l-Istati Membri għandhom jimponu fuq l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni obbligu li jikkonnettjaw klijenti man-network tagħhom taħt termini, kundizzjonijiet u tariffi stabbiliti skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 59(7). Din id-Direttiva ma twaqqafx lill-Istati Membri milli jsaħħu l-pożizzjoni fis-suq tal-klijenti domestiċi u tal-klijenti żgħar u ta' daqs medju mhux domestiċi billi jippromwovu l-possibbiltajiet għall-aggregazzjoni volontarja tar-rappreżentazzjoni għal dik il-klassi ta' klijenti."

(7) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-operatur ta' sistema tad-distribuzzjoni għandu jipprovdi lill-utenti tas-sistema bl-informazzjoni li jeħtieġu għall-aċċess effiċjenti għas-sistema, inkluż l-użu tagħha. B'mod partikolari, l-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni għandu jippubblika b'mod ċar u trasparenti informazzjoni dwar il-kapaċità disponibbli għal konnessjonijiet ġodda fil-post tal-operat tiegħu, inkluż f'żoni b'konġestjoni jekk ikunu jistgħu jiġu akkomodati konnessjonijiet flessibbli tal-ħżin tal-enerġija, u għandu jaġġorna dik l-informazzjoni regolarment, mill-anqas kull trimestru.

L-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni ċara u trasparenti lill-utenti tas-sistema dwar l-istatus u t-trattament tat-talbiet ta' konnessjoni tagħhom. Huma għandhom jipprovdu din l-informazzjoni fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tat-talba."

3a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 3 għal impriżi tal-elettriku integrati li jkunu jservu anqas minn 100 000 klijent konness, jew li jkunu jservu sistemi iżolati żgħar."

(8) fl-Artikolu 40, jiddaħħal il-paragrafu [...] li ġej [...]:

[...]

"6a. Ir-rekwiżiti fil-paragrafi 5 u 6 ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda akkwistat f'konformità mal-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) 2019/943."

(9) l-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:

[a] Fil-paragrafu 1, il-**punt**[...] (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c)[...] f'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet regolatorji l-oħrajn, l-iżgurar tal-konformità tal-pjattaforma unika ta' allokazżjoni stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1719, **ta' entità ddeżinjata għall-ġestjoni tas-suq integrat ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata fejn applikabbli, tal-ENTSO tal-Elettriku u l-entità tad-DSO tal-UE mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva, ir-Regolament (UE) 2019/943, il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati skont l-Artikoli 59, 60 u 61 tar-Regolament (UE) 2019/943, u dritt tal-Unjoni rilevanti ieħor, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet transfruntiera, kif ukoll bid-deċiżjonijiet tal-ACER, u l-identifikazzjoni konġunta tan-nuqqas ta' konformità tal-pjattaforma unika ta' allokazżjoni, l-ENTSO tal-Elettriku u tal-entità tad-DSO tal-UE mal-obbligi rispettivi tagħhom; meta l-awtoritajiet regolatorji ma jkunux setgħu jilħqu ftehim fi żmien erba' xhur wara l-bidu tal-konsultazzjonijiet bil-għan li jidentifikaw konġuntement in-nuqqas ta' konformità, il-kwistjoni għandha tiġi rriferuta lill-ACER għal deċiżjoni, skont l-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942;"**

[b] Fil-paragrafu 1, il-**punt**[...] (z) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(z)[...]: il-monitoraġġ tat-tneħħija ta' ostakli mhux ġustifikati għall-iżvilupp tal-konsum tal-komunitajiet tal-elettriku u tal-enerġija taċ-ċittadini awtoġġenerati u r-restrizzjonijiet fuqhom, **inkluż l-ostakli u r-restrizzjonijiet li jipprevjenu [...]** l-konnessjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija distribwita flessibbli fi żmien raġonevoli[...]."

[c] Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

4. L-awtorità regolatorja li tinsab fl-Istat Membru li fih il-pjattaforma unika ta' allokazżjoni, **l-entità ddeżinjata għall-ġestjoni tas-suq integrat ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata fejn applikabbli**, l-ENTSO għall-elettriku jew l-entità tad-DSO tal-UE għandha s-sede tagħha, għandu jkollha s-setgħa li timponi penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq dawk l-entitajiet meta ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva, ir-Regolament (UE) 2019/943 jew ma' kwalunkwe deċiżjoni legalment vinkolanti rilevanti tal-awtorità regolatorja jew tal-ACER, jew tippromponi li qorti kompetenti timponi dawn il-penali.

(9a) Fl-Artikolu 66, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

6. B'deroga mill-Artikolu 40(4), l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja għandhom ikunu jistgħu jiddependu fuq servizzi ta' bbilanċjar ipprovduti minn fornituri domestiċi tal-ħżin tal-elettriku, operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni relatati, u faċilitajiet oħra li jkunu proprjetà ta' operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni.

B'deroga mill-Artikolu 54(2), l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jistgħu jippermettu lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tagħhom jippossjedu, jiżviluppaw il-ġestjoni u l-operat tal-ħżin mingħajr ma jsegwu proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja u jistgħu jippermettu li tali ħżin jixtri jew ibigħ l-elettriku fis-swieq tal-ibbilanċjar.

Id-derogi mill-Artikolu 40(4) u l-Artikolu 54(2) għandhom japplikaw sa tliet snin wara li l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jkunu ssieħbu fiż-żona sinkronika tal-Ewropa kontinentali. Meta jkun meħtieġ biex tiġi ppreservata s-sigurtà tal-provvista, il-Kummissjoni tista' tagħti estensjoni tal-perjodu inizjali ta' tliet snin b'massimu ta' ħames snin.

(9aa) Fl-Artikolu 66, jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

7. B'deroga mill-Artikoli 40(4) u 54(2), Ċipru jista' jippermetti lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni tiegħu jippossjedi, jiżviluppa, jimmaniġġa u jopera ħżin mingħajr ma jsegwi proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja.

Id-derogi mill-Artikoli 40(4) u 54(2) għandhom japplikaw sakemm is-sistema ta' trażmissjoni f'Ċipru tkun konnessa ma' sistemi ta' trażmissjoni ta' Stati Membri oħra permezz ta' interkonnessjoni.

(10) jiddaħħal l-Artikolu [...] li ġej:

"Artikolu 66a

L-aċċess għal enerġija affordabbli matul kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku

1. **Il-Kunsill[...], fuq proposta mill-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni [...], jista' jiddikjara kriżi reġjonali jew madwar l-Unjoni tal-prezzijiet tal-elettriku, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:**
 - (a) prezzijiet **medji** għoljin ħafna fis-swieq tal-elettriku bl-ingrossa **ta'** mill-anqas darbtejn u nofs il-prezz medju matul il-5 snin preċedenti, li huma mistennija li jkomplu għal mill-anqas 6 xhur. **Il-kalkolu tal-prezz medju matul il-5 snin preċedenti ma għandux iqis is-sena 2022 u daww il-perjodi fejn tkun ġiet iddikjarata kriżi tal-prezzijiet tal-elettriku reġjonali jew tal-Unjoni kollha;**
 - (b) iseħħu żidiet qawwija fil-prezzijiet bl-imnut tal-elettriku [...]**fil-medda ta'** 70 % li huma mistennija jkomplu għal mill-anqas [...]**3** xhur; u
 - (c) l-ekonomija usa' qiegħda tiġi affettwata negattivament miż-żidiet fil-prezzijiet tal-elettriku.

2. **Id-deċiżjoni** [...] li tiddikjara kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku reġjonali jew madwar l-Unjoni kollha, **għandha tispeċifika** l-perjodu ta' validità ta' dik id-deċiżjoni li jista' jkun għal perjodu sa sena. **Dak il-perjodu jista' jiġi estiż skont il-proċedura stipulata fil-paragrafu 7 għal perjodi konsekuttivi ta' mhux aktar minn sena.**
3. **Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta biex tiddikjara kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku reġjonali jew fl-Unjoni kollha, inkluż il-perjodu ta' validità propost tad-deċiżjoni, fejn tqis li l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 huma ssodisfati.**
4. **Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jemenda [...] proposta tal-Kummissjoni ppreżentata skont il-paragrafi 3 u 7.**
- 5[...]. Meta l-[...] **Kunsill** ikun adotta deċiżjoni skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, għat-tul ta' żmien tal-validità ta' dik id-deċiżjoni, japplikaw interventi pubbliċi mmirati fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Dawn l-interventi pubbliċi għandhom:
- (a) ikunu limitati għal massimu ta' 70 % tal-konsum tal-benefiċjarju matul l-istess perjodu tas-sena preċedenti u jżommu inċentiv għat-tnaqqis fid-domanda;
 - (b) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(4) u (7);
 - (c) fejn rilevanti, jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4.

6[...]. Meta l-Kunsill[...] ikun adotta deċiżjoni skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, għadurata tal-validità ta' dik id-deċiżjoni, permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(7), il-punt (c), meta jiġu applikati interventi pubbliċi mmirati fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku skont l-Artikolu 5(6) jew il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, eċċezzjonalment u temporanjament, jistabbilixxu prezz għall-provvista tal-elettriku li jkun taħt il-kost dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-prezz stabbilit għall-unitajiet domestiċi japplika biss għal massimu ta' 80 % tal-konsum medjan tal-unitajiet domestiċi u jżomm inċentiv għat-tnaqqis fid-domanda;
- (b) ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn il-fornituri;
- (c) il-fornituri jiġu kkompensati għall-provvista ta' taħt il-kost; u
- (d) il-fornituri kollha huma eliġibbli li jipprovdu offerti għall-prezz għall-provvista tal-elettriku li jkun taħt il-kost fuq l-istess bażi.

7. **Fi żmien xieraq qabel l-iskadenza tal-perjodu speċifikat skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 għadhomx jiġu ssodisfati. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 jibqgħu jiġu sodisfatti, hija għandha tippreżenta lill-Kunsill proposta biex jittawwal il-perjodu ta' validità ta' deċiżjoni adottata skont il-paragrafu 1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jtawwal il-perjodu ta' validità, il-paragrafi 5 u 6 għandhom japplikaw matul tali perjodu mtawwal.**

8. **Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE, l-Istati Membri jistgħu japplikaw limitu massimu fuq id-dħul minn ġeneraturi inframarġinali soġġett għall-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 8 u l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 sat-30 ta' Ġunju 2024. Sal-15 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-applikazzjoni tal-iskemi rilevanti skont dan il-paragrafu u toħroġ rapport dwar is-sejbiet ewlenin ta' dan ir-rieżami lill-Parlament u lill-Kunsill.**

(11)[...]



Artikolu 2[...]

Emenda għad-Direttiva (UE) 2018/2001[...]

Id-Direttiva (UE) 2018/2001 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 4(3) huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal dak il-għan, fir-rigward ta' skemi diretti ta' appoġġ tal-prezzijiet, l-appoġġ għandu jingħata fil-forma ta' primjum tas-suq, li jista' jkun, inter alia, varjabbli jew fiss. L-ewwel [...] sentenza ma għandhiex tapplika għall-appoġġ għall-elettriku mis-sorsi rinnovabbli elenkati fl-Artikolu 19b(2) tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵, li għalih japplika l-Artikolu 19b(1) ta' dak ir-Regolament."

³⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

(2)[...]/[...]

[...]/[...]

Artikolu 3

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa [...] sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' [din id-Direttiva].

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità mal-punti (2) u (4) tal-Artikolu 1 sa [...] [...]erba' u għoxrin xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' [din id-Direttiva].

Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li tgħid li referenzi għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti tad-Direttiva mħassra minn din id-Direttiva għandhom jinftiehm bħal referenzi għal din id-Direttiva. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza u kif trid tkun ifformulata dik id-dikjarazzjoni."

Artikolu 4
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha
f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburg,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President